IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 6.4.2005
KUMM(2005) 121 finali

2005/0050 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013)**

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEK(2005) 433 }

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona ta' Marzu 2000 stabbilixxa l-għan li l-Ewropa ssir l-ekonomija msejsa fuq l-għarfien l-iktar kompetittiva u dinamika fid-dinja. Huwa saħaq fuq l-importanza li tinħoloq klima favorevoli għall-SMEs, u qies li hu importanti li l-aħjar prassi tinxtered u li tkun żgurata konverġenza ikbar bejn l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg ta' Ġunju 2001 fisser l-Istrateġija ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli bil-għan li t-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien ta' l-ambjent jimxu id f'id. Il-modalità ta' produzzjoni ta' l-intrapriżi għandha rwol importanti fl-iżvilupp sostenibbli.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-istrateġija mġedda ta' Liżbona ta' Frar 2005, il-Kummissjoni tipproponi li l-isforzi jkunu ffokati fuq "it-twettiq ta' żvilupp iktar b'saħħtu u fit-tul u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u aħjar"[1]. Għal dan jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet li jwasslu għat-tkabbir u l-kompetittività u li jagħmlu l-Ewropa post aktar attraenti fejn wieħed jinvesti u jaħdem. Hija tenfasizza l-ħtieġa li tkun stimolata l-inizzjattiva intraprenditorjali, li jinġibed biżżejjed kapital ta' riskju sabiex jinbdew in-negozji, u li tinżamm bażi industrijali Ewropea b'saħħitha filwaqt li tkun iffaċilitata l-innovazzjoni u partikolarment l-eko-innovazzjoni, investimenti ikbar u aħjar fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-adozzjoni tat-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi.

Il-proċess ta' Liżbona qiegħed b'mod ferm lill-kompetittività fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni politika. F'dawn l-aħħar snin kien hemm iktar tħassib sabiex jinkisbu koerenza u sinerġija ikbar fil-programmi u l-istrumenti Komunitarji li huma rilevanti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Liżbona. Il-Kunsill tar-Rebbiegħa ta' l-2003 sejjaħ għal[2] "strateġija integrata għall-kompetittività li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni, b'reviżjoni fuq bażi regolari ta' kwistjonijiet orizzontali kif ukoll dawk settorjali". Fir-reazzjoni tagħha[3] l-Kummissjoni ressqet analiżi preliminari ta' l-oqsma ta' attività rilevanti, iżda stqarret il-ħsieb tagħha li tressaq proposti fil-qafas tal-ħidma ta' tħejjija għall-perjodu tal-baġit li jmiss, li jiddefinixxu l-proġett politiku għall-Unjoni mkabbra mill-2007 sa l-2013. Il-Kummissjoni għalhekk issuġġeriet[4] f'Lulju ta' l-2004, fil-kuntest tal-proposti tagħha għall-perjodu tal-baġit li jmiss, programm ta' qafas għall-kompetittività u l-innovazzjoni.

## 2. IL-PROGRAMM TA' QAFAS GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-INNOVAZZJONI

Il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) se jgħaqqad f'qafas komuni programmi ta' appoġġ Komunitarji speċifiċi u partijiet rilevanti ta' programmi Komunitarji oħra f'oqsma essenzjali għaż-żieda tal-produttività, t-titjib tal-kapaċità għall-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa, filwaqt li fl-istess ħin jiġu indirizzati *issues* ambjentali komplementari. Dan jikkonċerna l-miżuri Komunitarji fis-seħħ li ġejjin: id-

---

1 KUMM(2005) 24 tat-2 ta' Frar 2005.

2 Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-20 u l-21 ta' Marzu, paragrafu 21. 8410/03 tal-5 ta' Mejju 2003.

3 Xi kwistjonijiet ewlenin fil-kompetittività ta' l-Ewropa – lejn strateġija integrata - KUMM(2003) 704 finali tal-21.11.2003.

4 Komunikazzjoni dwar il-Perspettivi Finanzjarji 2007-13 - KUMM(2004) 487 finali ta' l-14 ta' Lulju 2004.

Deċiżjoni tal-Kunsill 96/413/KE[5] dwar il-miżuri għat-tisħiħ tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE[6] dwar il-programm multi-annwali għall-impriżi u intraprenditorija, u b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE); id-Deċiżjoni 2256/2003/KE tal-Parlament u tal-Kunsill dwar programm multi-annwali għas-sorveljanza tal-pjan ta' azzjoni *e*Europe 2005, it-tixrid ta' l-aħjar prassi u t-titjib tas-sigurtà tan-netwerks u t-tagħrif; id-deċiżjoni tal-Kunsill 2001/48/KE dwar programm Komunitarju multi-annwali bil-għan li jistimola l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew fuq in-netwerks globali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà ta' l-informazzjoni; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 dwar regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej, , id-Deċiżjoni 1336/97/KE[8] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar serje ta' linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej; u d-Deċiżjoni 1230/2003/KE[9] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm multi-annwali għall-azzjonijiet fil-qasam ta' l-enerġija: 'Enerġija Intelliġenti – Ewropa' bil-għan li jappoġġa l-effiċjenza ta' l-enerġija u għejun ġodda ta' l-enerġija li jiġġeddu fis-setturi kollha inkluż dak tat-trasport.

Is-CIP se jipprovdi bażi legali sinifikanti u koerenti għall-azzjonijiet Komunitarji li lkoll għandhom l-għan ewlieni li jtejbu l-kompetittività u l-innovazzjoni, li jikkomplimentaw l-attivitajiet orjentati lejn ir-riċerka mmexxija 'l quddiem mill-Programm ta' Qafas Komunitarju għar-Riċerka u Żvilupp u Dimostrazzjoni Teknoloġiku. B'hekk ikun iktar viżibbli u jinftiehem aħjar mill-pubbliku. Madankollu, l-għanijiet u l-gruppi fil-mira tas-CIP huma varji u għalhekk l-istruttura tas-CIP, tagħraf il-ħtieġa li tinżamm il-viżibbiltà tal-komponenti individwali tagħha. Għalhekk is-CIP se jkun magħmul minn sub-programmi speċifiċi: il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni, il-Programm ta' Appoġġ għall-politika dwar it-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT - *Information and Communication Technology*), u l-Programm għall-Enerġija Intelliġenti - Ewropa.

Is-CIP se jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' membri taż-ŻEE, pajjiżi kandidati u pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Pajjiżi terzi oħra, partikolarment pajjiżi ġirien jew pajjiżi interessati li jikkooperaw mal-Komunità fir-rigward ta' attivitajiet dwar l-innovazzjoni, jistgħu jieħdu sehem fil-programm ta' qafas jekk ftehim bilaterali magħhom jipprovdu għal dan.

**Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni**

Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2004 saħaq[10] li "l-kompetittività, l-innovazzjoni, u l-promozzjoni ta' kultura intraprenditorjali huma kundizzjonijiet ewlenin għall-iżvilupp – essenzjali għall-ekonomija kollha kemm hi – u partikolarment importanti għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju". Saħaq ukoll[11] li "L-iżvilupp, sabiex ikun sostenibbli, m'għandux jagħmel ħsara lill-ambjent. L-iżviluppgħandu jiġi sseparat minn impatti ħżiena fuq l-ambjent.

---

5 ĠU L 167, tas-6.7.1996, p. 55.

6 ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 84. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE (ĠU L 268, tas-16.8.2004, p. 3).

7 ĠU L 192, 28.7.2000, P.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1682/2004 (ĠU L 308, 5.10.2004, p.1).

8 ĠU L 183, tal-11.07.1997, p. 12. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 1376/2002/KE (ĠU L 200, tat-30.07.2002, p. 1).

9 ĠU L 176, 15.7.2003, p.29.

10 Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004, Kapitolu III, Taqsima (ii) "Il-Kompetittività u l-Innovazzjoni", paragrafi 17 u 28. 9048/04 tad-19 ta' Mejju 2004.

11 Idem, Kapitolu III, Taqsima (iv) «Tkabbir Ambjentalment Sostenibbli», paragrafi 30 u 33.

Huma meħtieġa teknoloġiji nodfa sabiex is-sinerġiji bejn l-impriżi u l-ambjent jiġu sfruttati bis-sħiħ."

It-Trattat[12] jipprovdi l-bażi lill-Komunità u l-Istati Membri sabiex dawn jiżguraw li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività ta' l-impriżi Komunitarji jeżistu. Attivitajiet bħal dawn jinkludu l-faċilitazzjoni ta' l-aġġustament għal bidliet strutturali, t-tħeġġiġ ta' ambjent favorevoli għall-intraprenditorija u l-SMEs, t-tħeġġiġ ta' ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi, kif ukoll attivitajiet li jħeġġu l-isfruttament itjeb tal-potenzjal għall-innovazzjoni ta' l-impriżi.

Il-Komunità bħalissa tappoġġa l-iżvilupp tal-politika dwar l-impriżi u l-intraprenditorija, u s-servizzi għall-appoġġ tan-negozju u l-istrumenti finanzjarji Komunitarji għall-SMEs taħt il-Programm Multi-annwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni twettaq analiżi u azzjonijiet bil-għan li tiddefinixxi u tippromwovi l-istrateġiji tal-kompetittività għas-setturi ta' l-industrija u s-servizzi Ewropej, inklużi d-determinanti settorjali tal-kompetittività industrijali. Is-sitt programm ta' qafas għar-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiku jappoġġa firxa ta' azzjonijiet meħtieġa għat-tisħiħ tal-ħila teknoloġika ta' l-Ewropa u t-titjib tar-rendiment ta' l-innovazzjoni tagħha[13]. Il-Programm LIFE joffri appoġġ lil sistemi u metodi innovattivi fil-qasam ambjentali. Parti kbira ta' dan l-appoġġ jingħata lill-SMEs, għad-dimostrazzjoni ta' varjetà ta' teknoloġiji nodfa f'oqsma ewlenin bħalma huma l-kwalità ta' l-ilma u r-riċiklaġġ ta' l-iskart.

Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni se jġib flimkien attivitajiet dwar l-intraprenditorija, l-SMEs, il-kompetittività industrijali u l-innovazzjoni. Dan se jimmira speċifikament lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju[14], minn *hi-tech "gazelles"* sal-micro-impriżi u impriżi tal-familji tradizzjonali li jirrapprezentaw l-biċċa l-kbira tal-impriżi fl-Ewropa. Dan se jkopri s-setturi ta' l-industrija u tas-servizzi. Se jħeġġeġ ukoll l-intraprenditorija u l-imprendituri potenzjali kemm b'mod ġenerali kif ukoll bħala parti ta' gruppi fil-mira partikolari, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Programm se jikkontribwixxi sabiex iż-żagħżagħ jitħeġġu jiżviluppaw spirtu intraprenditorjali u se jippromwovi l-ħolqien ta' imprendituri żagħżagħ kif imħeġġeġ fil-Patt Ewropew għaż-Żagħżagħ.[15] Ser ikun strument importanti, għalkemm mhux l-uniku wieħed, għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ewlenin fl-oqsma strateġiċi tal-politika stipulati fl-"Aġenda Ewropea għall-Intraprenditorija"[16] u għall-għoti ta' appoġġ fuq livell Komunitarju għall-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fit-twettiq ta' l-għanijiet tal-Karta Ewropea għall-Impriżi ż-Żgħar[17]. Minkejja li huma indirizzati speċifikament mill-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni, l-interessi ta' l-SMEs se jkunu riflessi matul is-CIP kollu.

Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni se jkun ukoll wieħed mill-istrumenti li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għat-Teknoloġiji Ambjentali[18], li għandu

---

[12] Artikolu 157.
[13] Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[14] Kif stipulat fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 - ĠU L 124, ta' l-20.5.2003, pp. 36-41.
[15] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22-23 ta' Marzu 2005, Anness 1, Patt Ewropew għaż-Żagħżagħ.
[16] KUMM(2004) 70 taL-11.02.2004.
[17] Adottata mill-Kunsill fit-13 ta' Ġunju 2000 u approvata mill-Kunsill Ewropew fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2000.
[18] KUMM(2004) 38.

l-għan li jneħħi x-xkiel sabiex ikun utilizzat il-potenzjal kollu tat-teknoloġiji ambjentali li jħarsu l-ambjent filwaqt li jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-kompetittività u ta' l-ekonomija, biex b'hekk jiżgura li matul is-snin li ġejjin l-Unjoni Ewropea tieħu rwol ewlieni fl-iżvilupp u fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji ambjentali, u jimmobilizza l-partijiet interessati kollha fl-appoġġ ta' dawn l-għanijiet. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2004 laqa' l-Pjan ta' Azzjoni u sejjaħ għall-implimentazzjoni tiegħu. Huwa stieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni u l-Grupp tal-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB) sabiex jesploraw il-mobilizzazzjoni tal-firxa ta' strumenti finanzjarji għall-promozzjoni ta' dawn it-teknoloġiji. Il-komunikazzjoni[19] tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2005 ukoll saħqet fuq il-ħtieġa ta' promozzjoni qawwija ta' l-eko-innovazzjoni, u stqarret li l-Kummissjoni se żżid il-promozzjoni tat-teknoloġiji ambjentali.

L-innovazzjoni hija proċess tan-negozju marbut ma' l-isfruttament ta' opportunitajiet ġodda tas-suq għal prodotti, servizzi jew proċessi tan-negozju ġodda. Fil-fatt, pressjoni kompetittiva qawwija hija indispensabbli sabiex tipprovdi inċentivi b'saħħithom ħalli l-kumpaniji jibqgħu iwettqu l-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. Dan huwa marbut fil-qrib mad-disponibbiltà li wieħed jieħu r-riskji u jesperimenta b'ideat ġodda fis-suq, u d-disponibbiltà tal-kapital ta' riskju huwa essenzjali. L-innovazzjoni insuffiċjenti hija kawża primarja tar-rendiment diżappuntanti fl-iżvilupp fl-Ewropa. Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni għalhekk se jappoġġa attivitajiet orizzontali li jtejbu, iħeġġu, u jippromwovu l-innovazzjoni (inkluża l-eko-innovazzjoni) fl-impriżi. Dan se jinkludi t-tħeġġiġ ta' innovazzjoni speċifika għas-settur, raggruppamenti, assoċjazzjonijiet pubbliċi-privati ta' innovazzjoni, u l-applikazzjoni tal-ġestjoni ta' l-innovazzjoni. Se jikkontribbwixxi wkoll għall-għoti ta' servizzi ta' appoġġ lill-innovazzjoni fuq livell reġjonali, b'mod partikolari għat-trasferiment ta' tagħrif u teknoloġiji trans-nazzjonali u għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettwali u industrijali.

Il-Kunsill dwar il-Kompetittività tat-13 ta' Mejju 2003 talab lill-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-għanijiet ta' politika tagħhom fil-qasam ta' l-innovazzjoni li jirrifflettu l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi ta' l-innovazzjoni tagħhom. Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni se jappoġġa l-iżvilupp tat-tmexxija ta' u l-kultura ta' l-innovazzjoni permezz ta' analiżi u sorveljanza tar-rendiment ta' l-innovazzjoni, u l-iżvilupp u l-koordinament tal-politika dwar l-innovazzjoni. Il-Programm se jappoġġa t-tagħlim reċiproku għall-eċċellenza fit-tfassil tal-politika nazzjonali u reġjonali dwar l-innovazzjoni, ser iħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati ta' l-innovazzjoni, se jippromwovi l-għarfien dwar l-innovazzjoni u jxerred prassi tajba ta' l-innovazzjoni.

L-aċċess fqir għall-forom xierqa ta' finanzjament huwa kkwotat ta' spiss bħala x-xkiel ewlieni għall-innovazzjoni ta' l-intraprenditorija u l-impriżi[20]. Din il-problema tista' tiħrax bl-istandards ta' kontabilità ġodda li se jagħmlu l-banek iktar sensittivi għar-riskju u jwasslu għall-kultura ta' klassifikazzjoni (*rating*). Il-Programm Għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni se jindirizza differenzi tas-suq persistenti u magħrufa li jwasslu għal aċċess fqir għall-interess ta' l-azzjonisti, il-kapital ta' riskju u self lill-SMEs, permezz ta' l-Istrumenti Komunitarji Finanzjarji mħaddma f'isem il-Kummissjoni mill-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF – European Investment Fund), l-istituzzjoni speċjalizzata tal-Komunità li toffri kapital ta' riskju u strumenti ta' garanzija għall-SMEs. Taħt il-Programm Multi-annwali, evalwazzjonijiet indipendenti identifikaw l-approċċ imsejjes fuq is-suq u l-implimentazzjoni

[19] Naħdmu flimkien għat-tkabbir u l-impjiegi, bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona - KUMM(2005) 24.
[20] Flash Eurobarometer Nru 160 dwar Attitudnijiet lejn l-Intraprenditorija.

permezz ta' l-EIF ta' dawn l-istrumenti bħala l-aħjar prassi[21]. Dawn, għalhekk, se jitkomplew u se jiġu adattati fil-programm il-ġdid.

L-Istrumenti Finanzjarji Komunitarji għall-SMEs se jiffaċilitaw l-provvista ta' kapital tal-bidu u tal-fażijiet bikrija għal kumpaniji innovattivi li għadhom se jibdew jew li għadhom fil-fażijiet bikrija. Il-Faċilità għat-Tkabbir Għoli u l-Innovazzjoni għall-SMEs (GIF – High Growth ) se taqsam ir-riskji u l-premji ma' l-investituri azzjonarji privati sabiex b'hekk ikollha influwenza importanti għall-provvista ta' interess azzjonarju lil kumpaniji innovattivi. L-istrumenti GIF se jżidu l-provvista ta' interess azzjonarju ta' żvilupp lill-SMEs innovattivi fil-fażijiet bikrija u fil-fażi ta' espansjoni, sabiex b'hekk dawn ikollhom aċċess għall-kapital konsegwenti li jgħinhom iwasslu l-prodotti u s-servizzi tagħhom fis-suq u jkomplu l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' l-SMEs se tkompli toffri kontra-garanziji u ko-garanziji sabiex ikunu ggarantiti skemi li qed joperaw f'pajjiżi eliġibbli, u jidderiġu l-garanziji lejn intermedjarji finanzjarji. Din se tindirizza primarjament fallimenti tas-suq: (i) fl-aċċess ta' SMEs b'potenzjal għat-tkabbir għal self (jew sostituti għas-self bħalma hu l-kiri fit-tul); (ii) fl-għoti ta' mikro-kreditu u (iii) fl-aċċess għall-interess azzjonarju jew *kważi*-interess azzjonarju. (iv) Tieqa ġdida ta' sigurtà se timmobilizza l-finanzjament addizzjonali tad-dejn għall-SMEs taħt arranġamenti xierqa ta' qsim ta' riskji ma' l-istituzzjonijiet individwati.

Skema għall-Bini tal-Kapaċità se tappoġġa l-ħila ta' intermedjari finanzjari li jiffukaw fuq aspetti addizzjonali ta' investiment u teknoloġija. Se tittieħed ukoll azzjoni sabiex ikun iffaċilitat il-finanzjament ta' SMEs f'pajjiżi fejn l-intermedjazzjoni tal-banek hija ferm inqas mill-medja ta' l-UE.

Servizzi Ewropej ta' appoġġ għan-negozji u l-innovazzjoni għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' l-aċċess ta' l-SMEs għal tagħrif marbut mal-ħidma u l-opportunitajiet tas-suq intern għal prodotti u servizzi, kif ukoll fit-trasferiment trans-nazzjonali ta' l-innovazzjoni, t-tagħrif u t-teknoloġija. Dawn is-servizzi jistgħu ikollhom rwol mifrux partikolarment fil-promozzjoni u t-tixrid ta' tagħrif dwar, u riżultati ta', programmi Komunitarji kif ukoll billi jipprovdu interazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-SMEs.

Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni se jappoġġa wkoll żvilupp pożittiv tal-politika permezz ta' stabbiliment ta' punti ta' referenza, studji u skambji ta' prassi tajba bejn awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u esperti oħra fl-oqsma tal-politika dwar l-impriżi, l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-kompetittività. Dan se jaħdem flimkien ma' l-Istati Membri u pajjiżi oħra parteċipanti sabiex itejjeb l-ambjent regolatorju u amministrattiv għan-negozju. Azzjonijiet ta' ġemellaġġ bejn l-awtoritajiet fuq livell nazzjonali u reġjonali jistgħu jinbdew bħala mezz ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet ta' tali attivitajiet ta' żvilupp ta' politika.

**Il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT**

Azzjonijiet għall-promozzjoni ta' l-adozzjoni ta' Teknoloġiji ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICTs) fin-negozji, fl-amministrazzjonijiet u fis-servizzi tas-settur pubbliku fil-biċċa l-kbira twettqu fil-kuntest ta' l-inizzjattiva eEurope li tħeġġeġ il-koordinament ta' l-

[21] Evalwazzjoni Strateġika ta' l-Iskemi ta' Assistenza Finanzjarja lill-SMEs, Deloitte & Touche, Rapport Finali, Diċembru 2003.

Azzjonijiet ta' l-Istati Membri.[22] Dawn jinkludu l-finanzjament Komunitarju ta' l-iskema eTEN (TEN Telecom)[23], li tappoġġa l-validazzjoni u l-implimentazzjoni ta' servizzi trans-Ewropej imsejsa fuq l-ICT. Din tinkludi wkoll il-programm eContent[24], li għandu l-għan li jrawwem l-iżvlupp ta' kontenut diġitali Ewropew innovattiv u MODINIS, li tipprovdi appoġġ dirett lil attivitajiet ta' *benchmarking*, studji, fora u azzjonijiet ta' promozzjoni u tkabbir ta' l-għarfien li jgħinu l-implimentazzjoni ta' eEurope.

L-adozzjoni ta' l-ICTs kemm mis-settur privat kif ukoll dak pubbliku huwa element ewlieni fit-titjib tar-rendiment ta' l-innovazzjoni u l-kompetittività. L-ICTs jipprovdu s-sinsla għall-ekonomija tat-tagħrif. Huma wkoll katalizzaturi għall-bidla organizzazzjonali u l-innovazzjoni. Minbarra li hu settur ta' żvilupp kbir , l-ICTs jirrappreżentaw parti sostanzjali, li qed tiżdied, tal-valur miżjud tal-prodotti u s-servizzi kollha. Fl-UE per eżempju, minn madwar 1.4% tkabbir annwali tal-produttività bejn l-1995 u l-2000, huwa stmat li madwar 0.7% kien riżultat ta' l-ICTs.

L-ICTs jgħinu sabiex tintlaħaq id-domanda li qed tikber għal kura medika aħjar (eHealth), għal edukazzjoni effiċjenti u tagħlim għal matul il-ħajja, għal kwalità tal-ħajja aħjar fix-xjuħija, għal iktar sigurtà u inklużjoni kif ukoll parteċipazzjoni aħjar. L-ICTs jippermettuli s-servizzi pubbliċi u kontenut diġitali ġdid jitwasslu b'mod iktar effiċjenti u b'mod iktar immirat, aktar adattat għall-utent u iktar aċċessibbli. Madankollu, investimenti fl-ICTs u fl-użu ta' servizzi *online* fl-Ewropa huma inqas u jieħdu iktar ħin meta mqabbla ma' dawk tal-kompetituri ewlenin tagħna, speċjalment fis-setturi tas-servizzi. Bejn l-1995 u l-2001, l-investiment fi prodotti kapitali tat-teknoloġija informatika kienu 1.6% tal-PGD inqas mill-Istati Uniti[25]. Minkejja li r-responsabbiltà primarja għall-programmi ta' investiment taqa' fuq in-negozji u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, hemm rwol Komunitarju. Il-Kunsill Telecom, għalhekk, f'Diċembru 2004 sejjaħ għal politika komprensiva dwar l-ICT. Dan kien ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2005 li talab lill-Kummissjoni sabiex tħejji inizjattiva ġdida dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni.

Il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT speċifiku se jkun wieħed mill-modi ta' kif jinghata appoġġ lill-azzjonijiet fl-inizjattiva l-ġdida msejħa "i2010: Is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni Ewropea" kif imħabbra fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar strateġija mġedda ta' Liżbona ta' Frar 2005[26]. Dan għandu jistimola l-adozzjoni iktar wiesa' ta' l-ICT miċ-ċittadini, n-negozji u l-gvernijiet u jimmira lejn iż-żieda ta' l-investiment pubbliku fl-ICT. Il-programm se jibni fuq il-lezzjonijiet mgħallma mill-programmi eTen, eContent u MODINIS filwaqt li jtejjeb is-sinerġiji bejniethom u jtejjeb l-impatt tagħhom. Il-programm se jappoġġa azzjonijiet għall-iżvilupp ta' l-ispazju waħdieni Ewropew ta' l-informazzjoni u għat-tisħiħ tas-suq intern tal-prodotti u servizzi ta' l-informazzjoni. Huwa għandu l-għan li jistimola l-innovazzjoni permezz ta' adozzjoni iktar wiesa' ta' ICTs, u investiment fihom, sabiex tkun żviluppata soċjetà ta' l-informazzjoni inklussiva, servizzi iktar effiċjenti u effettivi f'oqsma ta' interess pubbliku u sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja. Se jindirizza wkoll il-frammentazzjoni tas-suq tal-kontenut diġitali Ewropew, billi jappoġġa l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut Ewropew *online* u jippromwovi d-diversitajiet kulturali u

22 Id-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE tal-Parlament u tal-Kunsill.
23 Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
24 Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/48/KE; dan se jiġi segwit fl-2005 bil-Programm eContentplus.
25 OECD (2003): L-ICT u t-tkabbir ekonomiku.
26 KUMM(2005) 24, tat-2.2.2005.

lingwistiċi ta' l-Ewropa, u jiġi segwit mill-2008 mill-programm eContent+ li kien adottat dan l-aħħar mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Minkejja li l-biċċa l-kbira ta' l-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni u l-aħjar użu ta' l-ICT tiġi mis-settur privat u l-Istati Membri, l-appoġġ Komunitarju jippermetti, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' strateġiji komuni u azzjonijiet ikkoordinati, il-qsim ta' l-aħjar prassi u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet interoperabbli madwar l-Unjoni. Dan għandu wkoll rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent multilingwistiku li jirrispetta d-diversità kulturali. Azzjoni Komunitarja hija wkoll essenzjali sabiex tkun żgurata l-artikolazzjoni xierqa ma' politika oħra ta' l-UE, inklużi l-oqsfa regolatorji għall-eCommunications u t-Televiżjoni Mingħajr Fruntieri kif ukoll is-suq intern, l-impjiegi, l-edukazzjoni u ż-żagħżagħ, l-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà u l-politika dwar il-kummerċ.

**Il-Programm Enerġija Intelliġenti - Ewropa**

Il-programm *Enerġija Intelliġenti – Ewropa* (2003-2006)[27] se jitkompla u jitkabbar taħt is-CIP. Ibbażat fuq l-Artikolu 175(1) tat-Trattat, huwa l-għan tal-programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa li jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli meta dan jirrelata ma' l-enerġija u li jikkontribwixxi għall-ilħuq ta' għanijiet ġenerali ta' ħarsien ta' l-ambjent, sigurtà tal-provvista u l-kompetittività.

Kważi 94% ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma riżultat tal-konsum ta' l-enerġija, u t-trasport huwa responsabbli għal 90% taż-żidiet ta' emissjonijiet ta' $CO_2$. L-effiċjenza ta' l-enerġija u l-għejun ta' enerġija li tista' tiġġedded huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' Kyoto u sabiex titnaqqas id-dipendenza dejjem tiżdied Ewropea, fuq l-importazzjonijiet ta' l-enerġija, li jistgħu ilaħħqu mas-70% fl-2030. L-Unjoni qed taħdem lejn l-għan ambizzjuż ta' sehem ta' 12% ta' enerġija li tiġġedded f'konsum gross intern sa l-2010[28] u sabiex jitnaqqas iżjed il-konsum finali ta' l-enerġija, imma dawn l-għanijiet mhux se jintlaħqu jekk ma tittiħidx azzjoni addizzjonali fil-livelli ta' l-Istati Membri u tal-Komunità. L-Unjoni stipulat għanijiet kwantitattivi ċari għaliha nnifisha għall-adozzjoni ta' enerġija intelliġenti li għandhom jintlaħqu sa l-2010. Dawn jinkludu l-irduppjar tas-sehem ta' għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija fil-konsum ta' l-enerġija fl-UE sabiex jilħaq it-12%, iż-żieda għal 21% fis-sehem ta' l-elettriku ġġenerat minn għejun li jiġġeddu, u ż-żieda tas-sehem tal-bio-fjuwils sal-5.75% għall-petrol u dijżil kollu użat għat-trasport. Numru ta' għanijiet iktar kwalitattivi għandhom jintlaħqu wkoll bħalma huma l-bejgħ miżjud ta' prodotti/*appliances* li jiffrankaw l-enerġija u l-espansjoni tal-ko-ġenerazzjoni b'rendiment għoli. Żewġ proposti importanti saru sabiex l-Istati Membri jnaqqsu iżjed l-ammont ta' enerġija għall-konsum finali b'1% kull sena u għat-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija minn prodotti li jużaw l-enerġija u numru ta' prodotti li huma konformi mal-ħtiġijiet ta' l-*eco-design*.

Flimkien ma' dawn il-miżuri leġiżlattivi, il-Komunità qed tmexxi programmi li jgħinu l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja. Il-programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa huwa l-programm Komunitarju mhux teknoloġiku fil-qasam ta' l-enerġija li jiffoka fuq it-tneħħija ta' xkiel mhux teknoloġiku, il-ħolqien ta' opportunitajiet tas-suq u t-tkabbir ta' l-għarfien.

---

27 Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 - ĠU L 176 tal-15.7.2003, p. 29.

28 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Is-sehem ta' enerġija li tiġġedded fl-UE" - KUMM(2004) 366, tas-26.05.2004.

Evalwazzjoni ex-ante tal-programm li se jsegwi l-programm "Enerġija Intelliġenti - Ewropa" sabet li l-programm attwali huwa effettiv f'termini ta' nfiq u li l-programm il-ġdid għandu jipprovdi kontinwità.

Il-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa taħt is-CIP, għalhekk, għandu l-għan li jaċċellera l-azzjoni fir-rigward ta' l-istrateġija u l-għanijiet Komunitarji miftiehma fil-qasam ta' l-enerġija sostenibbli, partikolarment: sabiex ikunu ffaċilitati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju ta' l-enerġija; sabiex jiżdied il-livell ta' investiment f'teknoloġiji ġodda u li jagħtu l-aħjar rendiment u sabiex tiżdied l-adozzjoni u d-domanda għall-effiċjenza ta' l-enerġija, l-għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija u d-diversifikazzjoni ta' l-enerġija, inkluż fit-trasport, permezz tal-promozzjoni ta' għarfien u tagħrif bejn l-atturi ewlenin fl-UE. Il-programm se jgħin sabiex jimtela l-vojt bejn id-dimostrazzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji innovattivi u l-introduzzjoni effettiva tagħhom fis-suq sabiex ikun hemm implimentazzjoni wiesa'. Dan se jgħin sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva kemm sabiex jiġu żviluppati l-istrateġiji u l-politika kif ukoll sabiex jiġu implimentati r-regolamenti eżistenti, partikolarment fir-rigward ta' l-Istati Membri l-ġodda. Il-programm għandu wkoll l-għan ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli bil-ħolqien ta' impjiegi, iktar koeżjoni soċjali u kwalità ogħla tal-ħajja, filwaqt li jkun evitat il-ħela ta' riżorsi naturali.

Il-programm se jinqasam fi tliet oqsma speċifiċi: (i) effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu razzjonali ta' l-enerġija, b'mod partikolari fis-setturi tal-bini u l-industrija ('SAVE'); (ii) għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija ġodda għall-produzzjoni ċentralizzata u deċentralizzata ta' l-elettriku u s-sħana u l-integrazzjoni tagħhom fl-ambjent lokali u s-sistemi ta' l-enerġija ('ALTENER'); (iii) aspetti tat-trasport marbuta ma' l-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-fjuwils, per eżempju permezz ta' għejun ta' l-enerġija li jiġġeddu ġodda jew li qed jiġu żviluppati, u fjuwils li jiġġeddu u effiċjenza ta' l-enerġija fit-trasport ('STEER'). Barra minn hekk, il-Programm se jipprovdi l-finanzjament għal inizjattivi orizzontali li jintegraw l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija f'bosta setturi ta' l-ekonomija u/jew jikkombinaw strumenti, għodda u atturi varji fi ħdan l-istess azzjoni jew proġett.

Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm Enerġija Intelliġenti ('COOPENER') se titkompla fil-qafas ta' l-istrumenti ta' assistenza esterna ġodda proposti mill-Kummissjoni f'Settembru 2004[29].

Żewġ tipi ewlenin ta' proġetti se jkunu appoġġati: minn banda proġetti għall-promozzjoni u t-tixrid, li għandhom jippromwovu kundizzjonijiet ġenerali favorevoli għal teknoloġiji ta' l-enerġija sostenibbli, inklużi l-istrutturi amministrattivi, l-għarfien ġenerali, il-kooperazzjoni orizzontali u vertikali u n-*networking* kif ukoll l-implimentazzjoni aħjar tal-qafas regolatorju; u fuq l-oħra proġetti ta' replikazzjoni li jħeġġu sistematikament l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda ta' l-enerġija sostenibbli.

Fir-rigward ta' l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programm, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li ttawwal it-terminu ta' l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti" li għadha kif

---

29 Komunikazzjoni dwar l-istrumenti għall-għajnuna esterna taħt il-Perspettiva Finanzjarja Ġejjiena 20072013 - KUMM(2004) 626 finali; Proposta għal Regolament li jistabbilixxi strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) - KUMM(2004) 627 finali; Proposta għal Regolament li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali li jistabbilixxi Strument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija - KUMM(2004) 628 finali; Proposta għal Regolament li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp u kooperazzjoni ekonomika - KUMM(2004) 629.

inħolqot u tiddelega lil dan il-korp dawk il-ħidmiet ta' tmexxija tal-programm li ma jinvolvux għażliet politiċi.

## 3. Tmexxija tal-Programm ta' Qafas Ġdid għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni

Minkejja li l-programmi komponenti tas-CIP se jiġu megħjuna mill-kumitati ta' tmexxija tagħhom stess u se jistabbilixxu l-programmi ta' ħidma tagħhom, is-CIP se tipprovdi strateġija koerenti għall-għanijiet komuni. Strumenti ta' implimentazzjoni ħafna drabi se jservu iktar minn programm wieħed, sabiex b'hekk ikunu iktar ċari għal min jużahom. Is-CIP, għalhekk, se tkun eħfef mill-arranġamenti attwali fejn jeżistu f'daqqa skemi u strumenti multipli ta' finanzjament.

Per eżempju:

– L-**istrumenti Komunitarji finanzjarji** se jappoġġaw l-SMEs fis-setturi tradizzjonali, u dawk li qed jinvestu fl-ICTs, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji ambjentali.

– **Servizzi ta' appoġġ għan-negozju u l-innovazzjoni** se jkollhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' l-aċċess ta' l-SMEs għal tagħrif marbut ma' l-funzjonament u l-opportunitajiet tas-suq intern, jagħti *feedback* lill-SMEs għall-iżvilupp tal-politika u l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt, u jgħin l-impriżi jikkooperaw minn pajjiż għall-ieħor. Imma dawn se jxerrdu wkoll it-tagħrif u jkabbru l-għarfien dwar il-politika marbuta ma' l-innovazzjoni, il-leġiżlazzjoni, u l-programmi ta' appoġġ, jippromwovu l-użu tar-riżultati ta' programmi ta' riċerka u jipprovdu servizzi ta' sensar għat-trasferiment tat-teknoloġija u l-għarfien, u għat-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet bejn l-atturi ta' l-innovazzjoni[30].

– In-*networking* bejn il-partijiet interessati se jkun essenzjali għall-programm. Dan jiffaċilita t-trasferiment ta' għarfien u ideat, li fih innifsu huwa kundizzjoni kruċjali għall-innovazzjoni.

Ċerti ħidmiet marbuta mal-programmi speċifiċi huma ppjanati li jkunu mmexxija b'mod indirett mill-Kummissjoni permezz ta' l-użu ta' aġenziji eżekuttivi ġodda u/jew l-adattament ta' aġenziji eżekuttivi eżistenti. Dan japplika b'mod partikolari għal proġetti fil-qasam ta' l-enerġija li se jkunu mmexxija u implimentati mill-'Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti' estiża. L-istrumenti finanzjarji Komunitarji għall-SMEs se jkunu primarjament immexxija mill-EIF. Il-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali se tinvolvi banek ta' l-iżvilupp internazzjonali bħalma hu l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD).

[30] Inklużi s-servizzi ta' innovazzjoni CORDIS.

## 4. KONSISTENZA MA' POLITIKA OĦRA TAL-KOMUNITÀ

### Is-CIP, il-Fondi Strutturali u l-Iżvilupp Rurali

Id-dimensjoni reġjonali hija essenzali sabiex jitjiebu l-kompetittività u l-innovazzjoni Ewropej. Il-politika ta' koeżjoni ġdida proposta mill-Kummissjoni tindirizza d-differenzi reġjonali persistenti f'dawn l-oqsma billi tagħmel il-kompetittività u l-innovazzjoni bażi espliċitu u ċentrali għall-intervent tal-Fondi Strutturali fl-Għanijiet ta' "Konverġenza" u "Kompetittività u Impjiegi Reġjonali". Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi Linji ta' Gwida Strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni li se jistipulaw kif il-prijoritajiet fuq livell ta' l-UE – inklużi l-kompetittività u l-innovazzjoni – għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali responsabbli għat-tmexxija tal-Fondi Strutturali. Il-Linji ta' Gwida ser ikunu opportunità sabiex l-awtoritajiet ta' tmexxija jkunu mħeġġa sew sabiex ifittxu investimenti li huma komplimentari għall-politika ta' l-UE dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni. Jekk dawn l-għanijiet se jintlaħqu b'mod effiċjenti u effettiv, l-interventi għandhom ikunu bbażati fuq għarfien tal-ħtiġijiet ta' l-SMEs, politika effettiva għall-istimolu ta' l-impriżi u l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-użu ta' l-ICT, investimenti f'teknoloġiji ambjentali, l-użu ta' l-enerġija, prassi tajba fi strumenti ta' dejn u interess ta' l-azzjonisti, u t-trasferiment tat-teknoloġija.

Kunsiderazzjonijiet simili jgħoddu wkoll għal ħafna interventi tal-Politika l-ġdida dwar l-Iżvilupp Rurali. Fl-ilħuq ta' l-għanijiet ewlenin tagħha – kompetittività mtejba tal-katina agro-alimentari, it-tmexxija sostenibbli ta' l-art, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-iżvilupp lokali – din toffri żvilupp sostenibbli, tkabbir u impjiegi lil żoni rurali madwar l-UE. Importanza partikolari titqiegħed fuq l-innovazzjoni. Il-biċċa l-kbira ta' l-impriżi f'żoni rurali huma SMEs, b'proporzjon għoli ta' mikro-impriżi u impriżi żgħar u għal dawn l-aċċess għall-innovazzjoni u l-ICT huwa essenzjali.

Reġjuni eliġibbli għall-għan ta' konverġenza tal-Fondi Strutturali huma mħeġġa jieħdu sehem fi skambji organizzati fil-kuntest tas-CIP, sabiex il-qagħdiet speċifiċi tagħhom jitqiesu sabiex tiġi identifikata prassi tajba adattata għall-ħtiġijiet tagħhom.

Fejn is-CIP jidentifika u jippromwovi l-aħjar prassi u l-eċċellenza f'dawn l-oqsma, il-fondi ta' koeżjoni kif ukoll il-Fond għall-Iżvilupp Rurali l-ġdid idealment għandhom jintużaw mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali bħala l-istrument ewlieni sabiex iwassal dawk li għadhom lura għal dawn il-livelli ta' eċċellenza; jistimola l-kompetittività u l-innovazzjoni u b'hekk inaqqas id-differenzi. Proposti għall-finanzjament reġjonali se jiġi żviluppat minn korpi reġjonali sabiex jilħqu l-ħtiġijiet u l-ambizzjonijiet tagħhom stess (kif jixraq lill-prinċipji msaħħa tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità). Għalhekk, wieħed għandu joqgħod attent li ma jdgħajjifx lill-prinċipju ta' koeżjoni jew ma jmurx kontra l-istruttura ta' tmexxija mill-qiegħ 'il fuq tal-Fondi Strutturali. Madankollu, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom ikunu mħeġġa b'mod attiv mis-CIP li jiżguraw li miżuri appoġġati mill-ERDF u l-EARDF isegwu l-eżempji ta' l-aħjar prassi fil-qasam, kif żviluppati u identifikati fil-kuntest ta' azzjonijiet tas-CIP, partikolarment permezz ta' attivitajiet ta' *networking.*

### Is-CIP u l-FP7-RTD

Il-Kompetittività u l-Innovazzjoni fl-Ewropa se jkunu appoġġati mhux biss mis-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u d-Dimostrazzjoni (FP7-RTD), iżda wkoll mis-CIP. Dawn il-programmi se jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin fl-appoġġ tagħhom ta' l-għanijiet ta' Liżbona.

Is-CIP se jindirizza kemm l-aspetti teknoloġiċi kif ukoll dawk mhux teknoloġiċi ta' l-innovazzjoni. Fir-rigward ta' l-innovazzjoni teknoloġika, se jiffoka fuq il-partijiet avvanzati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni. Preċiżament huwa se jippromwovi servizzi ta' appoġġ lill-innovazzjoni għat-trasferiment u l-użu tat-teknoloġija għall-implimentazzjoni u d-dħul fis-suq ta' teknoloġiji ġodda eżistenti f'oqsma bħal l-ICT, l-enerġija u l-ħarsien ta' l-ambjent[31], kif ukoll l-iżvilupp u l-koordinament ta' programmi u politika nazzjonali u reġjonali dwar l-innovazzjoni. Se jtejjeb ukoll id-disponibbiltà u l-aċċess ta' SMEs innovattivi għal għejun esterni ta' finanzjament, inklużi għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u ta' innovazzjoni u se tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' SMEs fil-FP7-RTD.

Min-naħa tiegħu l-FP7-RTD se jkompli u se jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-kooperazzjoni trans-nazzjonali fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni, partikolarment bejn l-impriżi u organizzazzjonijiet pubbliċi ta' riċerka, għall-iskemi speċifiċi ta' RTD favur l-SMEs, u għall-mobbiltà tar-riċerkatur bejn il-kumpaniji u l-akkademja. B'hekk, huwa se jiffoka iktar fuq il-ħtiġijiet ta' l-innovazzjoni teknoloġika ta' l-industrija u jintroduċi azzjonijiet ġodda, fil-forma ta' inizjattivi teknoloġiċi konġunti f'oqsma ewlenin ta' interess industrijali. Ukoll, huwa se jippromwovi iktar it-tixrid u l-użu tar-riżultati tar-riċerka fi ħdan proġetti u f'oqsma tematiċi speċifiċi kif ukoll il-koordinament ta' programmi u politika nazzjonali ta' riċerka. L-appoġġ tal-kooperazzjoni trans-nazzjonali bejn raggruppamenti reġjonali mmexxija mir-riċerka se jikkumplimenta attivitajiet simili tas-CIP li jiffukaw fuq azzjonijiet u politika reġjonali dwar l-innovazzjoni.

**Is-CIP u t-Tagħlim Matul il-Ħajja**

L-edukazzjoni u t-taħriġ huma essenzjali sabiex jassiguraw li l-kapital uman ta' l-Ewropa jibqa' aġġornat mal-ħiliet u t-tagħrif meħtieġ għall-innovazzjoni. Ħaddiema kkwalifikati ħafna iwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet, li jinbidlu malajr, ta' l-impriżi u jsibuha eħfef li jsibu impjiegi ġodda. L-edukazzjoni u t-taħriġ jikkontribwixxu wkoll għat-tixrid ta' l-għarfien u għall-proċess li bih l-organizzazzjonijiet jitgħallmu mill-esperjenzi tagħhom u jtejbu l-proċessi, l-prodotti u s-servizzi tagħhom. L-Ewropa teħtieġ investiment ikbar u aħjar fl-ekukazzjoni u t-taħriġ, u l-adozzjoni tal-"Programm ta' Azzjoni Integrat fil-qasam tat-Tagħlim matul il-Ħajja"[32] propost se jgħin fil-promozzjoni ta' l-intraprenditorija, jappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi u jgħin organizzazzjonijiet isiru "organizzazzjonijiet li jitgħallmu".

IL-Fond Soċjali Ewropew (ESF – European Social Fund) ukoll se jappoġġa bħala prijorità s-sistemi ta' tagħlim għal matul il-ħajja bħala parti mill-prijorità tiegħu li jżid il-ħila ta' l-impriżi u l-ħaddiema li jadattaw ruħhom, partikolarment permezz tal-promozzjoni ta' iktar investiment mill-impriżi, speċjalment l-SMEs, fir-riżorsi umani u l-ħaddiema.

Is-CIP, l-ESF u l-programm għat-Tagħlim matul il-Ħajja, partikolarment l-azzjonijiet taħt Leonardo da Vinci, għalhekk, jappoġġaw lil xulxin.

Azzjonijiet biex jappoġġaw l-għarfien bażiku ta' l-użu tal-kompjuter se jqisu l-ħidma politika dwar il-kompetenzi bażiċi mwettqa taħt l-awspiċi ta' 'Edukazzjoni u Taħriġ 2010' u l-appoġġ

---

[31] Eżempju wieħed konkret ta' dan huwa l-proġett Galileo, fejn SMEs innovattivi jistgħu jiżviluppaw applikazzjonijiet offruti mis-sistema Galileo ta' pożizzjonament bis-satellita għal skopijiet ta' loġistika, trasport jew sigurtà.

[32] KUMM(2004) 474.

offrut għall-għarfien bażiku ta' l-użu tal-kompjuter taħt il-'Programm għat-Tagħlim matul il-Ħajja'.

### Is-CIP u n-Netwerks Trans-Ewropej

Huwa essenzjali għall-kompetittività u l-koeżjoni soċjo-ekonomika fl-Unjoni Ewropea li n-Netwerks Trans-Ewropej għat-Trasport, l-Enerġija u t-Telekomunikazzjonijiet jitlestew u jibdew jaħdmu. L-aċċess għan-netwerks huwa fattur ta' importanza essenzjali li huwa l-bażi għas-suċċess ta' l-SMEs fis-suq waħdieni, kif imsemmi fl-Artikolu 154 tat-Trattat. Is-CIP u l-politika dwar in-Netwerks Trans-Ewropej isaħħu lil xulxin billi jgħinu jrawmu l-kompetittività għan-negozju: per eżempju, il-programm Enerġija Intelliġenti—Ewropa se jappoġġa tendenzi iktar razjonali, effiċjenti u sostenibbli ta' l-użu ta' l-enerġija, billi jidentifika u jneħħi x-xkiel amministrattiv, xkiel fil-komunikazzjoni u xkiel ieħor mhux tekonoloġiku. Is-CIP għalhekk se jiffaċilita l-interkonnessjoni man-Netwerk Trans-Ewropea ta' Enerġija u l-aċċess għalih.

## 5. Konsultazzjonijiet u Evalwazzjonijiet ta' l-Impatt

Il-proposta tal-Kummissjoni għas-CIP għaddiet minn evalwazzjoni ta' l-impatt u konsultazzjoni pubblika. Minn Diċembru 2004 sa Frar 2005 nġabru l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar is-CIP propost fuq il-bażi ta' dokument ta' konsultazzjoni. Dan iffoka fuq il-benefiċċji u l-valur miżjud ta' meta wieħed jgħaqqad flimkien elementi differenti fi programm wieħed, u fuq kif il-programm huwa marbut ma' miżuri Komunitarji oħra dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni. Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati dwar uħud mill-komponenti speċifiċi tas-CIP twettqu separatament.

L-idea tal-ħolqien ta' qafas għall-azzjonijiet li jistimolaw il-kompetittività u l-innovazzjoni ġeneralment kellhom rispons pożittiv, minkejja li xi wħud beżgħu li l-identità, il-viżibbiltà u l-iffukar politiku ta' programmi individwali jiddgħajjef. L-għanijiet ewlenin tal-programm ukoll ġew appoġġati ħafna, partikolarment l-appoġġ tal-programm għall-innovazzjoni. Dawk li wieġbu qablu mal-fatt li hemm ħtieġa ċara għal intervent fuq livell Ewropew f'dawn l-oqsma, minkejja r-responsabbiltà primarja ta' l-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati raw lill-programm ta' qafas propost bħala opportunità sabiex il-programmi komponenti tas-CIP isiru eħfef biex jintużaw u iktar aċċessibbli għall-SMEs.

Il-proċess ta' konsultazzjoni qajjem ħafna kummenti u suġġerimenti utli; dawn kienu, madankollu, iktar rilevanti għall-fażijiet ta' programmazzjoni u implimentazzjoni milli għall-att legali innifsu u se jitqiesu fil-mument xieraq.

## 6. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Skond il--bażijiet legali tiegħu, il-programm se jindirizza l-isfidi identifikati b'mod proporzjonat u fi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà[33]. Ir-responsabbiltà għall-oqsma kollha koperti fis-CIP hija maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Komunità[34]. Is-CIP se jintervjeni biss fejn jidher li hemm valur miżjud Ewropew ċar jekk jitħaddmu l- istrumenti Komunitarji bil-

[33] L-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE u l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetàu proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Amsterdam.

[34] Il-bażijiet legali tas-CIP huma l-Artikoli 156, 157(3) u 175 (1) tat-Trattat.

għan li jkun hemm riżultati aħjar fil-livelli nazzjonali u sub-nazzjonali jew sabiex jintlaħqu għanijiet Komunitarji. Il-kumitati ta' tmexxija stabbiliti għall-komponenti tal-programm se jiżguraw li l-attivitajiet appoġġati minnu jkunu konformi mal-prijoritajiet ta' l-Istati Memrbi. Il-proporzjonalità se tkun żgurata primarjament permezz ta' konċentrazzjoni ta' l-interventi fuq il-fallimenti tas-suq.

L-*istrumenti tal-programm* huma wkoll konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità:

– L-istrumenti finanzjarji Komunitarji għall-SMEs se jipprovdu influwenza addizzjonali lill-istrumenti nazzjonali bl-appoġġ tal-klassifika AAA ta' l-EIF. Il-proporzjonalità ta' dawn l-istrumenti hija żgurata permezz ta' l-appoġġ ta' intermedjarji bbażati fis-suq. Dawn se jindirrizaw problemi li għadhom iseħħu minkejja l-integrazzjoni tas-suq għas-servizzi finanzjarji minħabba fallimenti magħrufa u persistenti tas-suq, u dawn se jikkumplimentaw interventi oħra (b'riżorsi tiegħu stess) mill-EIF kif ukoll attivitajiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra. Id-dimensjoni Ewropea se tiżgura t-tixrid ta' l-aħjar prassi fit-twassil ta' dawn l-istrumenti , u se tistimola wkoll attivitajiet ikkoordinati. F'ħafna Stati Membri din id-dispożizzjoni mhijiex biżżejjed u l-aċċess għall-finanzi xierqa għadu xkiel għall-intraprenditorija, l-innovazzjoni, l-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ambjentali.

– Appoġġ Komunitarju għas-servizzi Ewropej ta' appoġġ lin-negozji u l-innovazzjoni se jgħinu organizzazzjonijiet sħab li jaħdmu fl-Istati Membri sabiex jipprovdu SMEs b'servizzi addizzjonali ta' appoġġ lin-negozju u l-innovazzjoni u sabiex irawmu l-kooperazzjoni fin-negozju madwar l-UE. Bi stuttura ta' appoġġ komuni, ċentri individwali se jkunu jistgħu joffru servizzi deċentralizzati ta' tagħrif u pariri. Il-proporzjonalità se tkun żgurata permezz tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet sħab li huma integrati sewwa fil-ħajja ekonomika tar-reġjun tagħhom.

– Azzjonijiet ta' Żvilupp ta' Politika, bħalma huma l-iskambji ta' l-esperjenzi, l-istabbiliment ta' punti ta' referenza u l-koordinament tal-politika nazzjonali, se jgħinu lill-awtoritajiet itejbu l-istrateġiji tal-politika tagħhom dwar kundizzjonijiet għall-intraprenditorija, l-iżvilupp ta' l-SMEs, l-innovazzjoni, l-eko-innovazzjoni, u l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' l-ICTs. Dawn l-iskambji huma parti mill-metodu miftuħ ta' koordinament u huma użati bħala għodda li tgħin l-awtoritajiet nazzjonali jtejbu r-rispons ta' politika tagħhom. Dawn jistgħu jiġu segwiti b'azzjonijiet ta' ġemellaġġ li l-valur miżjud Komunitarju tagħhom joħroġ minn natura trans-fruntiera tagħhom.

– L-appoġġ ewlieni għal proġetti ta' innovazzjoni tan-negozju fl-Ewropa joħroġ mill-programmi u l-iskemi nazzjonali u reġjonali. Madankollu, il-programmi għadhom frammentati bejn il-pajjiżi u r-reġjuni u għalhekk ħafna drabi ma jistgħux igawdu mill-potenzjal kreattiv disponibbli f'pajjiżi oħra ta' l-UE. L-appoġġ għall-għaqda tal-programmi nazzjonali u reġjonali ta' innovazzjoni tan-negozju jindirizza din il-problema, partikolarment permezz ta' skambji u l-promozzjoni ta' l-aħjar prassi.

– L-ispejjeż tal-proġett li se jiġu maqsuma, bħalma huma dawk ta' l-implimentazzjoni, proġetti pilota jew proġetti ta' replikazzjoni tas-suq, għandhom l-għan li jħeġġu l-innovazzjoni, in-*networking* bejn il-partijiet interessati, u t-trasferiment u d-dħul fis-suq ta' teknoloġiji ġodda, ħafna drabi fuq bażi trans-fruntiera. L-assistenza finanzjarja allokata lil tali proġetti se tkun stabbilita fuq il-bażi tal-valur miżjud

Komunitarju ta' l-azzjoni u fi qbil ma' l-għanijiet u l-programm ta' ħidma tal-programm rilevanti.

## 7. IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT.

Id-"dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva" ippreżentata ma' din id-Deċiżjoni tistipula l-implikazzjonijiet indikattivi tal-baġit. Dan huwa kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja għall-perjodu 2007-2013 kif proposta mill-Kummissjoni[35].

[35] KUMM(2004) 101, tas-26.2.2004.

2005/0050 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 156, 157(3) u 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[36],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[37],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[38],

Jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[39],

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona ta' Marzu 2000 stabbilixxa l-għan li l-Ewropa ssir l-ekonomija msejsa fuq l-għarfien l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja. Huwa saħaq fuq l-importanza li tinħoloq klima favorevoli għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u qies bħala importanti t-tixrid ta' l-aħjar prassi u l-assigurazzjoni ta' konverġenza akbar bejn l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg ta' Ġunju 2001 fisser l-Istrateġija Komunitarja għall-Iżvilupp Sostenibbli li għandha l-għan li tassigura li t-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien ta' l-ambjent jimxu id f'id. Il-modalitajiet ta' produzzjoni ta' l-impriżi għandhom rwol importanti fl-iżvilupp sostenibbli.

(2) Sabiex isir kontribut lejn it-titjib tal-kompetittività u l-ħila għall-innovazzjoni fil-Komunità, l-avvanz tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, u l-iżvilupp sostenibbli msejjes fuq it-tkabbir ekonomiku bbilanċjat, Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem "il-Programm ta' Qafas") għandu jitwaqqaf.

(3) Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa msejħa "Naħdmu flimkien għat-tkabbir u l-impjiegi - bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona"[40], li ssejjaħ għal azzjonijiet li jwasslu għal tkabbir u

---

[36] ĠU C [...], [...], p. [...].
[37] ĠU C [...], [...], p. [...].
[38] ĠU C [...], [...], p. [...].
[39] ĠU C [...], [...], p. [...].
[40] KUMM(2005) 24, tat-2.2.2005.

kompetittività u li jagħmlu lill-Ewropa post iktar attraenti fejn wieħed jinvesti u jaħdem, u jfakkar li l-inizjattiva intraprenditorjali għandha tkun stimolata, biżżejjed kapital ta' riskju għandu jiġi attratt sabiex jinbdew in-negozji, u bażi industrijali Ewropea b'saħħitha għandha tinżamm filwaqt li l-innovazzjoni u partikolarment l-eko-innovazzjoni, jiġifieri l-innovazzjoni marbuta ma', jew li tutilizza, teknoloġiji ambjentali, l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' l-informatika jew il-komunikazzjoni (ICT) u l-użu sostenibbli tar-riżorsi għandhom ikunu promossi. Filwaqt li l-kompetittività hija fil-biċċa l-kbira mmexxija minn negozji enerġetiċi li joperaw fi swieq miftuħa u kompetittivi u li huma appoġġati mill-kundizzjonijiet ta' qafas xierqa, partikolarment minn qafas regolatorju li jwassal għall-innovazzjoni, il-finanzjament tal-Komunità għandu rwol xi jwettaq billi jagħti appoġġ u jipprovdi finanzjament kumplimentari sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' falliment tas-suq.

(4) Il-Programm ta' Qafas għandu jgħaqqad f'daqqa dawk il-miżuri Komunitarji speċifiċi fil-qasam ta' l-intraprenditorija, SMEs, il-kompetittività industrijali, l-innovazzjoni, it-teknoloġija informatika u tal-komunikazzjoni (ICT), it-teknoloġiji ambjentali u l-enerġija intelliġenti li, s'issa, kienu rregolati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/413/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni ta' programm Komunitarju ta' azzjoni li jsaħħaħ il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea[41], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multi-annwali għall-impriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għall-SMEs[42], ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE)[43], id-Deċiżjoni 2256/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar programm multi-annwali għas-sorveljanza tal-Pjan ta' Azzjoni *e*Europe 2005, it-tixrid ta' l-aħjar prassi u t-titjib tan-netwerks u s-sigurtà ta' l-informazzjoni[44], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar programm Komunitarju multi-annwali bil-għan li jistimola l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew fuq in-netwerks globali u sabiex ikun hemm promozzjoni tad-diversità lingwistika fis-soċjetà ta' l-informazzjoni[45], id-Deċiżjoni 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji ta' gwida għan-netwerks trans-Ewropej tat-telekomunikazzjonijiet[46] u d-Deċiżjoni 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar programm multi-annwali għall-azzjoni fil-qasam ta' l-enerġija: 'Enerġija Intelliġenti - Ewropa' bil-għan li tappoġġa l-iżvilupp fil-kuntest ta' l-enerġija[47].

(5) Il-Programm ta' Qafas jistabbilixxi numru ta' għanijiet komuni, kif ukoll il-pakkett totali tal-baġit biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, tipi differenti ta' miżuri ta' implimentazzjoni, u l-arranġamenti għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni u għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjari tal-Komunitajiet.

---

41 ĠU L 167, tas-6.7.1996, p. 55

42 ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 84. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE (ĠU L 268, tas-16.8.2004, p. 3).

43 ĠU L 192, tat-28.7.2000, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1682/2004 (ĠU L 308, tal-5.10.2004, p. 1).

44 ĠU L 336, tat-23.12.2003, p.1

45 ĠU L 14, tat-18.1.2001, p. 32

46 ĠU L 183, tal-11.7.1997, p. 12. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 1376/2002/KE (ĠU L 200, tat-30.7.2002, p. 1).

47 ĠU L 176, tal-15.7.2003, p. 29

(6) Il-Programm ta' Qafas għandu jeskludi attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku mwettqa skond l-Artikolu 166 tat-Trattat u għandu jkun kumplimentari għall-programm ta' qafas tal-Komunita għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku stabbilit fid-Deċiżjoni [...] tal-Parlament u tal-Kunsill ta' ...[48].

(7) L-għanijiet komuni tal-Programm ta' Qafas għandhom jissegwew bi programmi speċifiċi msejħa "Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni", "il-Programm għall-appoġġ tal-politka dwar l-ICT", u "l-Programm għall-Enerġija Intelliġenti – Ewropa".

(8) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għal matul il-programm kollu, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit skond it-tifsira tal-punt 33 tal-ftehim inter-istituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u t-titjib tal-proċedura tal-baġit[49].

(9) Baġit speċifiku u indikattiv għandu jiġi rriservat għal kull programm speċifiku.

(10) Sabiex ikun żgurat li l-finanzjament jindirizza biss fallimenti tas-suq, u bil-ħsieb li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq, il-finanzjament mill-Programm ta' Qafas għandu jkun konformi mar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat u l-istrumenti supplimentari u d-definizzjoni Komunitarja ta' SMEs għandhom ikunu f'posthom.

(11) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-protokolli addizzjonali għall-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jipprovdu għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi rispettivi fi programmi Komunitarji. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra għandha tkun possibbli fejn jippermettu l-ftehimiet u l-proċeduri.

(12) Il-Programm ta' Qafas u l-programmi speċifiċi għandhom jiġu ssorveljati u evalwati regolarment sabiex ikunu jistgħu jiġu aġġustati.

(13) Miżuri xierqa għandhom jittieħdu wkoll sabiex ma jitħallewx iseħħu irregolaritajiet jew frodi u l-passi meħtieġa għandhom jittieħdu sabiex jiġu rkuprati fondi mitlufa, mħallsa kif mhux suppost jew użati ħażin skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[50], (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-kontrolli fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u irregolaritajiet oħra[51] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[52].

(14) It-tkabbir u l-kompetittività ta' l-impriżi fis-settur industrijali u dak tas-servizzi jiddependi fuq il-ħila tagħhom li jaġġustaw malajr għall-bidla u jisfruttaw il-potenzjal innovattiv tagħhom. Din l-isfida tikkonċerna impriżi ta' kull daqs, iżda hija

---

48 ĠU L
49 ĠU C 172, tat-18.6.1999, p.1
50 ĠU L 312, tat-23.12.1995, p. 1
51 ĠU L 292, tal-15.11.1996, p.2
52 ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 1

partikolarment serja għal impriżi żgħar. Huwa għalhekk xieraq li jkun stabbilit programm speċifiku msejjaħ "il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni".

(15) Il-Komunità tista' tkun il-katalizzatur u l-koordinatur ta' l-isforzi ta' l-Istati Membri. Tista' tikkontribbwixxi u tikkumplimenta r-riżultat tagħhom, partikolarment bil-promozzjoni ta' l-iskambju ta' esperjenzi u prassi nazzjonali u reġjonali, billi tiddefinixxi u xxerred l-aħjar prassi, u billi tikkontribwixxi lejn id-disponibbiltà tal-provvista ta' servizzi ma' l-Ewropa kollha li jappoġġaw lin-negozji u l-innovazzjoni, partikolarment għall-SMEs.

(16) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar 'It-Tħeġġiġ tat-Teknoloġiji għall-Iżvilupp Sostenibbli: Pjan ta' Azzjoni dwar it-Teknoloġiji Ambjentali għall-Unjoni Ewropea'[53] jsejjaħ għal programmi Komunitarji li jappoġġaw l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ambjentali u jsejjaħ għall-mobilizzazzjoni ta' strumenti finanzjarji sabiex jaqsmu r-riskji ta' investiment f'teknoloġiji ambjentali.

(17) Strumenti finanzjarji Komunitarji msejsa fuq is-suq għall-SMEs jikkumplimentaw u jżidu l-influwenza ta' skemi finanzjari fil-livell nazzjonali. Dawn jistgħu jħeġġu l-investiment privat għall-ħolqien ta' kumpaniji innovattivi ġodda, u jistgħu jappoġġaw kumpaniji b'potenzjal qawwi għat-tkabbir fil-fażi ta' espansjoni sabiex inaqqsu nuqqas ta' interess azzjonarju magħruf. Dawn jistgħu jtejbu l-aċċess ta' l-SMEs eżistenti għall-finanzi tas-self għal attivitajiet li jappoġġaw il-kompetittività u l-potenzjal għat-tkabbir tagħhom.

(18) IL-Fond ta' Investiment Ewropew (EIF – European Investiment Fund) huwa l-għodda speċjalizzata tal-Komunità li għandha l-għan li tipprovdi kapital ta' riskju u strumenti ta' garanzija għall-SMEs. Dan jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet Komunitarji, inklużi soċjetà msejsa fuq l-għarfien, l-innovazzjoni, it-tkabbir, l-impjiegi u l-promozzjoni ta' spirtu intraprenditorjali. L-EIF jiżgura l-kontinwità meħtieġa fit-tmexxija tal-programmi Komunitarji u għandu esperjenza estensiva f'dan il-qasam. It-tħaddim ta' l-istrumenti finanzjari Komunitarji għall-SMEs mill-EIF f'isem il-Kummissjoni għalhekk tqieset bħala prassi tajba mill-evalwazzjonijiet indipendenti. L-EIF għandha wkoll it-tagħrif espert sabiex tappoġġa azzjonijiet li qed jitfaċċaw imsejsa fuq assoċjazzjonijiet pubbliċi-privati imnedija mill-Istati Membri bil-għan li jiġbdu għejun ta' investiment ta' riskju għoli mis-swieq tal-kapital għall-benefiċċju tan-negozji innovattivi żgħar.

(19) Bidliet li se jseħħu dalwaqt fl-ambjent finanzjarju u l-istandards ta' kontabilità ġodda jagħmlu l-istituzzjonijiet finanzjarji iktar sensittivi għar-riskju, iwasslu għal kultura ta' klassifikazzjoni (*rating*), u jistgħu jnaqqsu l-provvista ta' kreditu lill-SMEs, għallinqas waqt fażi tranżitorja. Il-programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni għandu għalhekk iwieġeb għall-ħtiġijiet finanzjarji, li qed jinbidlu, ta' l-SMEs, inkluża l-ħtieġa għall-finanzjament mill-qrib u l-adattament tagħhom għall-ambjent finanzjarju l-ġdid filwaqt li jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq.

(20) Servizzi li jappoġġaw in-negozji u l-innovazzjoni għandhom rwol importani fl-assigurazzjoni ta' l-aċċess ta' l-SMEs għal tagħrif marbut mal-ħidma u l-

[53] KUMM(2004) 38 tat-28.1.2004.

opportunitajiet tas-suq intern għal prodotti u servizzi kif ukoll fit-trasferiment trans-nazzjonali ta' l-innovazzjoni, t-tagħrif u t-teknoloġija. Għandhom ukoll rwol essenzjali xi jwettqu billi jiffaċilitaw l-aċċess ta' l-SMEs għat-tagħrif dwar il-leġiżlazzjoni Komunitarja li tapplika għalihom u dwar leġiżlazzjoni ġejjiena li jistgħu jlestu għaliha u jadattaw b'mod effettiv f'termini ta' nfiq. Evalwazzjonijiet esterni saħqu li r-rwol orizzontali fl-għoti ta' servizzi Ewropej ta' appoġġ lin-negozji għandu jissaħħaħ. Dan jikkonċerna t-tixrid tat-tagħrif dwar programmi Komunitarji u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' SMEs f'dawk il-programmi, partikolarment il-parteċipazzjoni ta' SMEs fil-programm ta' qafas Komunitarju għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni. L-evalwazzjonijiet saħqu wkoll fuq l-importanza li tkun iffaċilitata l-interazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-SMEs.

(21) Il-Kummissjoni għandha tgħammar lilha nnifisha b'bażi analitika soda sabiex tappoġġa t-tfassil tal-politika fl-oqsma ta' l-SMEs, l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-setturi industrijali. Bażi bħal din għandha żżid fil-valur tat-tagħrif disponibbli fil-livell nazzjonali f'dawn l-oqsma. Il-Komunità għandha tipprovdi għall-iżvilupp komuni ta' l-istrateġiji tal-kompetittività fis-setturi ta' l-industrija u tas-servizzi, u għall-promozzjoni ta' l-aħjar prassi fir-rigward ta' ambjent u kultura intraprenditorjali, inklużi r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji u opportunitajiet indaqs għas-sessi, u għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' intraprendituri żagħżagħ.

(22) Il-Kunsill Ewropew ta' l-20 u l-21 ta' Marzu 2003 ta prijorità lill-innovazzjoni u l-intraprenditorija u saħaq fuq il-ħtieġa 'li l-Ewropa tagħmel iżjed biex tibdel l-ideat f'valur miżjud reali. Dan sejjaħ għal iktar azzjoni sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet li fihom in-negozju jasal għall-innovazzjoni. Il-mudell lineari ta' l-innovazzjoni, li jassumi li r-riċerka twassal direttament għall-innovazzjoni, wera li mhuwiex biżżejjed biex ifisser ir-rendiment ta' l-innovazzjoni u biex ifassal risponsi xierqa ta' politika ta' innovazzjoni. L-għarfien li l-impriżi huma fil-qalba tal-proċess ta' l-innovazzjoni, il-fondi sabiex ikunu mħeġġa l-attivitajiet ta' innovazzjoni ta' l-impriżi u t-tħejjija ta' l-adozzjoni ta' l-innovazzjoni fis-suq kif ukoll it-tmexxija ta' l-innovazzjoni u l-kultura ta' l-innovazzjoni għandhom għalhek jiffurmaw parti mill-programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni. Dan għandu jgħin sabiex ikun żgurat li l-innovazzjoni taħdem biex tippromwovi l-kompetittività u tiġi mwettqa fil-prattika fuq livell ta' negozju. Il-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004 żied li t-teknoloġiji nodfa huma essenzjali sabiex ikunu sfruttati bis-sħiħ is-sinerġiji bejn l-impriżi u l-ambjent. Il-promozzjoni ta' l-eko-innovazzjoni, li tinkludi teknoloġiji nodfa innovattivi, tista' tgħinhom jisfruttaw il-potenzjal tagħhom.

(23) Is-suq għat-trasferiment u l-assorbiment tat-tagħrif hafna drabi mhuwiex trasparenti, u n-nuqqas ta' informazzjoni jew in-nuqqas ta' konnessjonijiet joħolqu xkiel tas-suq. In-negozji jsibuha wkoll diffiċli li jinkorporaw teknoloġiji li mhumiex parti mill-qasam tradizzjonali ta' attività tagħhom u li jkollhom aċċess għal tipi ġodda ta' ħiliet. Riskji finanzjarji jistgħu jkunu għolja għall-innovazzjoni, jista' jkun hemm dewmien qabel isir il-profitt minħabba xkiel ta' żvilupp u t-taxxa tista' ma' tkunx newtrali bejn is-suċċess u l-falliment. Jista' jkun hemm nuqqas tal-ħiliet meħtieġa sabiex ikunu sfruttati l-opportunitajiet. Xkiel istituzzjonali jew regolatorji jistgħu jdewmu jew ifixklu l-ħruġ ta' swieq ġodda jew l-aċċess għalihom. Barra minn hekk, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi jistgħu jiddeterminaw jekk l-innovazzjoni sseħħx jew le.

(24) Dak ix-xkiel għad-dħul fis-suq ta' teknoloġiji innovattivi huwa partikolarment rilevanti għat-tekonoloġiji ambjentali. Il-prezzijiet tas-suq ħafna drabi ma jirriflettux

kompletament l-ispejjeż ambjentali tal-prodotti u servizzi. Il-parti ta' l-ispejjeż li ma tkunx riflessa fil-prezzijiet tas-suq tinġarr mis-soċjetà kollha kemm hi, u mhux mill-produtturi tat-tniġġis. Dan il-falliment tas-suq, flimkien ma' l-interess Komunitarju li jkunu ppriservati r-riżorsi, li jkun evitat it-tniġġis u li l-ambjent jitħares b'mod iktar effettiv f'termini ta' nfiq, jiġġustifika l-appoġġ imsaħħaħ għall-eko-innovazzjoni.

(25) L-azzjonijiet għall-innovazzjoni tal-Komunità għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp tal-politika dwar l-innovazzjoni fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom u li jiffaċilitaw l-isfruttament ta' l-effetti ta' sinerġija bejn il-politika u attivitajiet ta' appoġġ nazzjonali, reġjonali u Ewropej. Il-Komunità tista' tiffaċilità l-iskambji trans-nazzjonali, t-tagħlim reċiproku u n-*networking* u tista' tmexxi l-kooperazzjoni fil-politika dwar l-innovazzjoni. In-*networking* bejn il-partijiet interessati huwa essenzjali sabiex jiffaċilita l-fluss tat-tagħrif u l-ideat li huma meħtieġa għall-innovazzjoni.

(26) Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill approvata fil-Kunsill tat-Telekomunikazzjoni tad-9 ta' Diċembru 2004 tipprovdi l-bażi għall-proposta ta' inizjattiva ġdida dwar is-soċjetà ta' l-infomazzjoni sabiex isaħħaħ il-kontribut tas-soċjetà ta' l-informazzjoni għar-rendiment ta' l-Ewropa. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar bidu ġdid ta' l-istrateġija ta' Liżbona, il-Kummissjoni tipproponi li l-isforzi jkunu ffokati fuq "it-twettiq ta' tkabbir iktar b'saħħtu u fit-tul u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u aħjar". Din tagħti importanza lill-adozzjoni ta' l-ICTs kemm mis-settur privat kif ukoll minn dak pubbliku bħala element ewlieni fit-titjib tar-rendiment ta' l-innovazzjoni u l-kompetittività. Programm speċifiku msejjaħ "il-Programm ta' appoġġ għall-politika dwar l-ICT" għandu għalhekk jiġi stabbilit.

(27) L-ICTs jipprovdu s-sinsla għall-ekonomija tat-tagħrif. Huma responsabbli għal madwar nofs it-tkabbir tal-produttività f'ekonomiji moderni u joffru soluzzjonijiet uniċi sabiex ikunu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. It-titjib tas-settur pubbliku u s-servizzi ta' interess ġenerali għandu jseħħ b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-politika rilevanti Komunitarja, per eżempju, fl-oqsma tas-saħħa pubblika, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-ambjent, it-trasport u l-iżvilupp u l-kompetizzjoni tas-suq intern.

(28) L-adozzjoni u l-aħjar użu ta' soluzzjonijiet innovattivi bbażati fuq l-ICT għandhom ikunu stimolati partikolarment għas-servizzi f'oqsma ta' interess ġenerali. L-appoġġ Komunitarju għandu jiffaċilita l-koordinament u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għall-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni madwar l-Istati Membri.

(29) L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm eTEN (Xibka Trans-Ewropea għat-Telecom) tirrakkomanda li tintuża strateġija mmexxija mid-domanda għall-interventi Komunitarji lil proġetti li jappoġġaw servizzi trans-Ewropej f' oqsma ta' interess pubbliku.

(30) Il-Komunikazzjonijet eGovernment[54] u eHealth[55] mill-Kummissjoni u konklużjonijiet oħra relatati tal-Kunsill, isejħu għal żieda fl-isforzi għall-innovazzjoni, l-iskambju ta' l-aħjar prassi, l-interoperabilità u identifika l-ħtieġa għal iżjed sinerġiji bejn programmi relatati ta' l-UE.

---

[54] KUMM(2003) 567.
[55] KUMM(2004) 356.

(31) Qafas leġiżlattiv ġie ddefinit sabiex jindirizza l-isfidi tal-kontenut diġitali fis-Soċjetà ta' l-Informazzjoni. Dan hu ddefinit fid-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' tagħrif tas-settur pubbliku[56], id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' dritt ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni[57] u d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-ħarsien legali tad-*databases*[58].

(32) Prassi differenti bejn l-Istati Membri għadhom joħolqu xkiel tekniku li jfixkel l-aċċess wiesa' u l-użu mill-ġdid ta' tagħrif tas-settur pubbliku fil-Komunità.

(33) Azzjonijiet Komunitarji dwar il-kontenut diġitali għandhom iqisu l-ispeċifiċità multilingwa u multikulturali tal-Komunità.

(34) Ir-riżorsi naturali, li l-użu prudenti u razjonali tagħhom huwa previst fl-Artikolu 174 tat-Trattat, jinkludu, minbarra għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija, iż-żejt, il-gass naturali u fjuwils solidi, li huma għejun essenzjali ta' l-enerġija imma huma wkoll l-għejun ewlenin ta' l-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju.

(35) Il-Green Paper imsejħa "Lejn strateġija Ewropea għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija"[59] uriet li l-Unjoni Ewropea qiegħda ssir dejjem iżjed dipendenti fuq għejun esterni ta' l-enerġija u li d-dipendenza tagħha tista' titla' għal 70% fi żmien 20-30 sena. Għalhekk din saħqet fuq il-ħtieġa li l-politika tal-provvista tkun ibbilanċjata ma' azzjoni ċara għal politika tad-domanda u sejħet għal konsum immexxi aħjar u li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent, partikolarment fis-setturi tat-trasport u l-bini. Din sejħet ukoll sabiex tingħata prijorità lill-iżvilupp ta' għejun ġodda u li jiġġeddu fuq in-naħa tal-provvista ta' l-enerġija sabiex iwieġbu għall-isfida ta' żieda fit-temperatura globali u sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit diġà minn pjanijiet ta' azzjoni u riżoluzzjonijiet li saru qabel ta' 12% enerġija minn għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija fil-konsum gross intern sa l-2010.

(36) Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn għejun ta' enerġija li jiġġeddu fis-suq intern ta' l-enerġija[60] teħtieġ l-Istati Membri li jistipulaw għanijiet nazzjonali indikattivi konsistenti ma' l-għan gloabli indikattiv tal-Komunità ta' 12% tal-konsum nazzjonali gross ta' l-enerġija sa l-2010 u partikolarment mas-sehem indikattiv ta' 21% elettriku prodott minn għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija fil-konsum totali ta' l-elettriku tal-Komunità sa l-2010. Il-Komunikazzjoni tal-Kunsill imsejħa 'Is-sehem ta' l-enerġija li tiġġedded fl-UE'[61], wissiet li l-għan ta' sehem ta' 12% ta' enerġija li tiġġedded mill-konsum globali ta' enerġija fil-Komunità fl-2010 mhux se jintlaħaq sakemm ma tittiħidx azzjoni konsiderevoli addizzjonali.

---

56 ĠU L 345, tal-31.12.2003, p.90
57 ĠU L 167, tat-22.06.2001, p.10
58 ĠU L 77, tas-27.3.1996, p.20
59 KUMM(2000) 769, tad-29.11.2000
60 ĠU L 283, tas-27.10.2001, p.33
61 KUMM(2004) 366, tas-26.5.2004.

(37) Id-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar ir-rendiment f'termini ta' enerġija tal-bini[62] teħtieġ l-Istati Membri li japplikaw kriterji minimi ta' rendiment ta' l-enerġija għall-bini ġdid u eżistenti, sabiex jiżgurw iċ-ċertifikazzjoni ta' l-enerġija tal-bini u jeħtieġu spezzjonijiet regolari tal-bojlers u tas-sistemi ta' l-*air-conditioning* fil-bini.

(38) Id-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni ta' l-użu ta' bijo-fjuwils jew fjuwils oħra li jiġġeddu għat-trasport[63] teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li proporzjon minimu ta' bijo-fjuwils jew fjuwils oħra li jiġġeddu jitqiegħdu fis-suq tagħhom.

(39) Id-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni tal-ko-ġenerazzjoni bbażata fuq domanda ta' enerġija utli fis-suq intern ta' l-enerġija u li temenda d-Direttiva 92/42/KEE[64] teħtieġ l-Istati Membri li jwettqu analiżi tal-potenzjal tagħhom għal ko-ġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u li jwaqqfu skemi ta' appoġġ f'konformità mal-potenzjali nazzjonali identifikati.

(40) Sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri Komunitarji, sabiex ikun hemm iktar penetrazzjoni fis-suq għall-għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija u sabiex titjieb l-effiċjenza ta' l-enerġija, jeħtieġ programmi ta' promozzjoni speċifiċi fuq livell Komunitarju sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-mixja lejn sistemi ta' enerġija sostenibbli, partikolarment sabiex jappoġġaw l-istandardizzazzjoni ta' tagħmir li jipproduċi jew jikkonsma għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija, sabiex tiżdied l-adozzjoni tat-teknoloġija u sabiex tinfirex l-aħjar prassi fi tmexxija tad-domanda. Dan japplika wkoll għal miżuri Komunitarji marbuta ma' l-ittikkettar ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija ta' tagħmir elettriku, elettroniku, ta' l-uffiċċju u tal-komunikazzjonijiet u l-istandardizzazzjoni ta' tagħmir tad-dawl, tas-sħana u ta' l-*air-conditioning*. Programm speċifiku msejjaħ "il-Programm ta' appoġġ għall-politika dwar l-ICT" għandu għalhekk jiġi stabbilit.

(41) Sabiex jintlaħaq l-impatt kollu ta' l-istrateġija stabbilita għall-enerġija sostenibbli jeħtieġ mhux biss kontinwità ma' l-appoġġ Komunitarju lill-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni u t-tneħħija ta' xkiel eżistenti mhux teknoloġiku permezz ta' kampanji msaħħa ta' promozzjoni, iżda, u fuq kollox, appoġġ sabiex l-investiment ikun aċċellerat u sabiex titħeġġeġ l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi madwar il-Komunità.

(42) Flimkien ma' avvanzi ambjentali, għejun ta' l-enerġija li jiġġeddu u l-effiċjenza ta' l-enerġija jinsabu fl-iktar industriji li qed jikbru malajr fil-Komunità, u joħolqu impjiegi ġodda u innovattivi. L-industrija Ewropea ta' l-enerġija li tiġġedded qiegħda fuq quddiem fid-dinja fl-iżvilupp ta' teknoloġiji għall-ġenerazzjoni ta' enerġija elettrika li tiġġedded. Dawn joffru benefiċċji għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u jevitaw il-ħela tar-riżorsi.

---

62 ĠU L 1, ta' l-4.1.2003, p.65.
63 ĠU L 123, tas-17.5.2003, p.42.
64 ĠU L 52, tal-21.2.2004, p.50.

(43) Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multi-annwali għal azzjoni fil-qasam ta' l-enerġija 'Enerġija Intelliġenti – Ewropa' (2003-2006)[65] se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.

(44) Tlieta mill-erba' oqsma speċifiċi tal-programm stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE għandhom jitkomplew taħt dan il-programm. Dawn huma: (i) il-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu razzjonali tar-riżorsi ta' l-enerġija ('SAVE'); (ii) il-promozzjoni ta' għejun ta' l-enerġija ġodda u li jiġġeddu ('ALTENER') u (iii) il-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu ta' għejun ta' enerġija ġodda u li jiġġeddu fit-trasport ('STEER').

(45) Id-dimensjoni internazzjonali ('COOPENER') tal-programm stabbilita mid-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE għandha titkompla fil-qafas ta' l-istrumenti Komunitarji ġodda għall-għajnuna esterna[66].

(46) Skond il-prinċipji ta' tmexxija tajba u regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni kkummissjonat esperti indipendenti sabiex iwettqu evalwazzjoni ex-ante ta' programm Komunitarju multi-annwali imġedded fil-qasam ta' l-enerġija sabiex isegwi l-programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa li għaddej bħalissa wara l-31 ta' Diċembru 2006. Fir-rapport tagħhom, l-esperti kkonkludew dwar il-ħtieġa li tkun żgurata l-kontinwità tal-programm 'Enerġija Intelliġenti – Ewropa' wara l-2006, u sabiex ikun imġedded fi strument iktar komprensiv u ambizzjuż.

(47) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu dwar it-titjib tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-Komunità ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa għal sħubijiet multilaterali, mobbiltà trans-nazzjonali u skambji madwar il-Komunità kollha tat-tagħrif, u jistgħu għalhekk, minħabba n-natura ta' l-azzjonijiet u l-miżuri meħtieġa, jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, fi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif iddikjarat f'dan l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn il-miri.

(48) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[67].

(49) Filwaqt li titqies in-natura tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-programmi speċifiċi, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitati differenti għall-implimentazzjoni ta' kull programm speċifiku.

(50) Id-Deċiżjoni [xxx] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tistabbilixxi programm multi-annwali, imsejjaħ eContentplus, sabiex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iktar aċċessibbli, użabbli u sfruttabbli. Dik id-Deċiżjoni se tiskadi fi tmiem l-2008. Minn hemm 'il quddiem, miżuri maħsuba li jagħmlu l-kontenut diġitali fl-Ewropa iżjed

---

65 ĠU L 176, tal-15.7.2003, p.29.
66 ĠU C 64, tas-16.3.2005, p.4.
67 ĠU L 184, tas-17.7.1999, p.23

aċċessibbli u sfruttabbli għandhom jitkomplew taħt il-Programm ta' appoġġ lill-politika dwar l-ICT stabbilit minn din id-Deċiżjoni[68].

(51) IL-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 96/413/KE għandhom ikunu integrati fil-programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni. id-Deċiżjoni 96/413/KE għandha għalhekk tiġi rrevokata,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

68 ĠU L

# TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

## Kapitolu I
## Il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni

*Artikolu 1*
**Twaqqif**

1. Programm ta' qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-kompetittività u l-innovazzjoni, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm ta' Qafas", huwa b'dan imwaqqaf.

2. Il-Programm ta' Qafas se jikkontribbwixxi lejn il-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-Komunità bħala soċjeta ta' l-informazzjoni avvanzata, bi żvilupp sostenibbli msejjes fuq it-tkabbir ekonomiku bbilanċjat u ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna b'livell għoli ta' ħarsien u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent.

3. Il-Programm ta' Qafas mhux se jkopri attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku mwettqa skond l-Artikolu 166 tat-Trattat.

*Artikolu 2*
**Għanijiet**

1. Il-Programm ta' Qafas se jkollu l-għanijiet li ġejjin:

   (a) li jkattar il-kompetittività ta' l-impriżi u partikolarment ta' Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs);

   (b) il-promozzjoni ta' l-innovazzjoni inkluża l-eko-innovazzjoni;

   (c) l-aċċellerazzjoni ta' l-iżvilupp ta' Soċjetà ta' l-Informazzjoni kompetittiva, innovattiva u inklussiva;

   (d) il-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija fis-setturi kollha inkluż it-trasport.

2. L-għanijiet tal-Programm ta' Qafas se jkunu segwiti permezz ta' l-implimentazzjoni tal-programmi speċifiċi li huma stabbiliti fit-Titolu II, minn hawn 'il quddiem 'il-programmi speċifiċi':

   (a) Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni

   (b) Il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT

   (c) Il-Programm Enerġija Intelliġenti - Ewropa

*Artikolu 3*
**Baġit**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas se jkun ta' EUR 4.212,6 miljun.

2. It-tqassim indikattiv tal-baġit għall-programmi speċifiċi jidher fl-Anness I.

3. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità ta' l-estimi fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

*Artikolu 4*
**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

Il-Programm ta' Qafas se jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

(a) pajjiżi EFTA li huma membri taż-ŻEE, skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ŻEE;

(b) pajjiżi kandidati li jgawdu minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fi programmi Komunitarji stabbiliti fil-Ftehimiet Qafas u d-Deċiżjonijiet ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsill rispettivi;

(c) il-pajjiżi Balkani tal-Punent, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu determinati ma' dawk il-pajjiżi wara l-istabbiliment ta' ftehimiet qafas dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi Komunitarji;

(d) pajjiżi terzi oħra, meta ftehimiet jippermettu hekk.

## Kapitolu II
## Implimentazzjoni tal-Programm Qafas

*Artikolu 5*
**Programmi ta' Ħidma**

1. Il-Kummissjoni se tadotta programmi annwali ta' ħidma għall-programmi speċifiċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 46(2).

Il-Kummissjoni se tiżgura l-implimentazzjoni tagħhom.

2. L-emendi lill-programmi ta' ħidma annwali msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-allokazzjonijiet tal-baġit ta' iktar minn miljun Euro se jkunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 46(2).

*Artikolu 6*
**Tipi ta' miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma se jkunu, b'mod partikolari:

   (a) strumenti finanzjari Komunitarji għall-SMEs;

   (b) networks li jgħaqqdu flimkien partijiet interessati differenti;

   (c) proġetti sperimentali, replikazzjoni tas-suq u miżuri oħra li jappoġġjaw l-adozzjoni ta' l-innovazzjoni;

   (d) analiżi tal-politika, żvilupp u koordinament ma' pajjiżi parteċipanti;

   (e) qsim ta' tagħrif, tixrid u tkabbir ta' l-għarfien;

   (f) appoġġ lill-azzjonijiet konġunti ta' Stati Membri jew reġjuni;

   (g) *procurement* ibbażat fuq speċifikazzjonijiet tekniċi elaborati f' kooperazzjoni ma' l-Istati Membri;

   (h) ġemelaġġ bejn l-awtoritajiet fuq livelli nazzjonali u reġjonali.

2. Dawn il-miżuri u oħrajn addizzjonali, kif stipulat fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I, II u III tat-Titolu II, jistgħu jiġu applikati lill-programmi speċifiċi kollha, jekk il-programm ta' ħidma rilevanti jipprevedi hekk.

3. Il-finanzjament mogħti se jirrispetta kompletament ir-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna ta' l-Istat u l-istrumenti supplimentari.

*Artikolu 7*
**Għajnuna Teknika**

Il-pakkett tal-baġit stabbilit b'din id-Deċiżjoni jista' jkopri nfiq marbut ma' azzjonijiet ta' tħejjija, sorveljanza, verifika u evalwazzjoni direttament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għall-ilħuq ta' l-għanijiet tagħha.

Dawk l-azzjonijiet jistgħu, partikolarment, jinkludu studji, laqgħat, attivitajiet ta' informazzjoni, pubblikazzjonijiet, infiq fuq għodda informatika, sistemi u netwerks għall-iskambju u l-ipproċessar tat-tagħrif, u kull infiq ieħor għal assistenza jew tagħrif espert ta' natura teknika, xjentifika u amministrattiva li l-Kummissjoni tista' teħtieġ għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*
**Sorveljanza u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni se tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi rapport annwali ta' implimentazzjoni għal kull programm speċifiku dwar l-attivitajiet appoġġati permezz ta' implimentazzjoni finanzjarja, riżulati u impatti.

2. Il-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu se jkunu soġġetti għal evalwazzjonijiet interim u finali li se jeżaminaw kwistjonijiet bħalma huma r-rilevanza, l-koerenza u s-sinerġiji, l-effettività, l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-utilità.

L-evalwazzjonijiet interim jistgħu wkoll jinkludu elementi ta' evalwazzjoni ex-post fir-rigward ta' programmi ta' qabel.

3. L-evalwazzjonijiet interim u finali tal-programmi speċifiċi u l-allokazzjonijiet tal-baġit meħtieġa se jkunu inklużi fil-programmi ta' ħidma rispettivi.

L-evalwazzjoni interim u finali tal-Programm Qafas u l-allokazzjonijiet tal-baġit meħtieġa se jkunu inklużi fil-programm ta' ħidma għall-programm speċifiku "Programm għall-Intraprenditorija", stabbilit fil-Kapitolu I tat-Titolu II.

4. L-evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas se titlesta sal-31 ta' Diċembru 2009, u l-evalwazzjoni finali sal-31 ta' Diċembru 2011.

L-evalwazzjonijiet interim u finali tal-programmi speċifiċi se jkunu magħmula b'mod li r-riżultati tagħhom jkunu jistgħu jitqiesu fl-evalwazzjoni interim u dik finali tal-Programm Qafas.

5. Il-Kummissjoni se tikkomunika r-riżultati ewlenin ta' l-evalwazzjoni interim u dik finali tal-Programm Qafas u tal-programmi speċifiċi tiegħu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*Artikolu 9*

**Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet**

1. Il-Kummissjoni se tiżgura li, fejn azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni huma implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti permezz ta' l-applikazzjoni ta' miżuri sabiex jiġu evitati l-frodi, l-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, b'kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' fondi li ma' tħallsux kif suppost u, jew jekk jinsabu xi irregolaritajiet, b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolament (KE, Euratom Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 se japplikaw għal kull ksur ta' xi dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligazzjoni kuntrattwali stipulata fuq il-bażi tal-programm, li jirriżulta minn att jew nuqqas minn operatur ekonomiku, li għandu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew baġits immexxija minnhom, b'partita ta' nfiq mhux iġġustifikata.

3. Il-miżuri kollha ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni se jipprovdu, b'mod partikolari, għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-

Kummissjoni jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha u għall-verifiki mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, fuq il-post jekk ikun meħtieġ.

# TITOLU II Il-Programmi Speċifiċi

## Kapitolu I
## Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni

### TAQSIMA 1 L-GĦANIJIET U L-OQSMA TA' L-AZZJONI

*Artikolu 10*
**Twaqqif u għanijiet**

1. Programm li jappoġġa l-impriżi u l-SMEs, l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali, (minn hawn 'il quddiem 'il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni'), huwa b'dan imwaqqaf.

2. Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni se jipprovdi għal azzjonijiet li jappoġġaw, itejbu, iħeġġu u jippromwovu:

(a) l-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs u investiment f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni;

(b) il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni ta' l-SMEs;

(c) l-innovazzjoni fl-impriżi, inkluża l-eko-innovazzjoni;

(d) kultura ta' intraprenditorija u innovazzjoni;

(e) inizjattiva u innovazzjoni marbuta mar-riforma ekonomika u amministrattiva.

*Artikolu 11*
**Aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs**

Azzjonijiet marbuta ma' l-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs u ma' investiment f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni, jistgħu jinkludu:

(a) żieda fil-volumi ta' investiment ta' fondi kapitali ta' riskju u mezzi ta' investiment immexxija minn investituri informali

(b) l-għoti ta' ingranaġġ lil strumenti għall-finanzjament tad-dejn ta' l-SMEs.

(c) titjib ta' l-ambjent finanzjarju għall-SMEs.

*Artikolu 12*
**Kooperazzjoni bejn l-SMEs**

Azzjonijiet marbuta mal-kooperazzjoni bejn l-SMEs jistgħu jinkludu:

(a) it-tħeġġiġ ta' servizzi li jappoġġaw l-SMEs;

(b) il-kontribut lejn miżuri li jgħinu lill-SMEs jikkooperaw ma' impriżi oħra f'pajjiżi oħra, inkluż l-involviment ta' SMEs fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea;

(c) il-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn in-negozji.

*Artikolu 13*
**L-innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni fl-impriżi**

Azzjonijiet marbuta ma' l-innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni, jistgħu jinkludu:

(a) it-tkattir ta' innovazzjoni speċifika għas-settur, raggruppamenti, netwerks ta' innovazzjoni, assoċjazzjonijiet ta' innovazzjoni pubbliċi-privati u kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, u l-użu ta' tmexxija ta' l-innovazzjoni;

(b) l-appoġġ għal programmi nazzjonali u reġjonali għall-innovazzjoni tan-negozju;

(c) l-appoġġ għall-l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi;

(d) l-appoġġ għas-servizzi għat-trasferiment trans-nazzjonali ta' għarfien u teknoloġija u għat-tmexxija tal-proprjetà intellettwali u industrijali;

(e) it-tiftix għal tipi ġodda ta' servizzi innovattivi;

(f) it-trawwim tat-teknoloġija u l-għarfien permezz ta' l-arkivjar u t-trasferiment ta' tagħrif.

*Artikolu 14*
**Kultura ta' intraprenditorija u innovazzjoni;**

Azzjonijiet marbuta mal-kultura ta' intraprenditorija u innovazzjoni, jistgħu jinkludu:

(a) it-tħeġġiġ ta' mentalitajiet, ħiliet u kultura intraprenditorjali, u l-ibbalanċjar tar-riskji u l-gwadann intraprenditorjali, partikolarment għal intraprendituri żagħżagħ;

(b) it-tħeġġiġ ta' ambjent tan-negozju favorevoli għall-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' l-impriża u t-tkabbir;

(c) l-apoġġ għall-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni bejn l-atturi, inklużi ġestituri tal-programmi nazzjonali u reġjonali.

*Artikolu 15*
**Inizjattiva u innovazzjoni marbuta mar-riforma ekonomika u amministrattiva.**

Azzjonijiet fir-rigward ta’ inizjattiva u innovazzjoni marbuta mar-riforma ekonomika u amministrattiva jistgħu jinkludu:

(a) il-ġbir ta’ tagħrif, l-analiżi u s-sorveljanza tar-rendiment, u l-iżvilupp u l-koordinament tal-politika;

(b) il-kontribut lejn id-definizzjoni u l-promozzjoni ta' strateġiji tal-kompetittività marbuta mas-setturi ta’ l-industrija u s-servizzi;

(c) l-appoġġ għat-tagħlim reċiproku għall-eċċellenza fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali.

## TAQSIMA 2 IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 16*
**Strumenti finanzjari Komunitarji għall-SMEs;**

1. L-istrumenti finanzjari Komunitarji se jitħaddmu bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs f'ċerti fażi taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom: bidu, tnedija, espansjoni u trasferiment tan-negozju. Investimenti li jsiru minn SMEs f’attivitajiet bħalma huma l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni, u t-trasferiment teknoloġiku se jkunu inklużi fl-ambitu ta’ l-istrumenti.

2. L-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 se jkunu dawn li ġejjin:

   (a) il-Faċilità għal Tkabbir Għoli u l-Innovazzjoni ta’ l-SMEs (GIF);

   (b) il-Faċilità ta’ Garanzija ta’ l-SMEs (SMEG);

   (c) l-Iskema għall-Bini tal-Kapaċità (CBS).

3. Arranġamenti ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-istrumenti differenti jidhru fl-Anness II.

*Artikolu 17*
**Il-GIF**

1. Il-GIF se titħaddem mill-EIF f’isem il-Kummissjoni.

   Din se twettaq il-ħidmiet li ġejjin:

   (a) il-kontribut lejn it-twaqqif u l-iffinanzjar ta’ SMEs u t-tnaqqis ta’ differenza fl-interess azzjonarju u s-suq tal-kapital ta' riskju, li żżomm l-SMEs milli jisfruttaw il-potenzjal ta’ tkabbir tagħhom;

   (b) l-appoġġ lil SMEs innovattivi b’potenzjali għoli għat-tkabbir, partikolarment dawk li qed iwettqu riċerka, żvilupp jew attivitajiet innovattivi oħra;

2. Il-GIF tkun tikkonsisti f’żewġ twieqi:

L-ewwel tieqa, imsejħa GIF1, se tkopri investimenti tal-fażijiet tal-bidu (bidu u tnedija). Din se timmira lejn l-investiment f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati bħalma huma fondi tal-fażijiet bikrija (*early stage*), fondi li jitħaddmu reġjonalment, fondi ffokati fuq setturi, teknoloġiji jew RTD speċifiċi, u fondi marbuta ma’ inkubaturi, li minn naħa tagħhom se jipprovdu kapital lill-SMEs. Din tista’ wkoll tinvesti f’fondi u mezzi ta' l-investiment immexxija minn investituri informali.

It-tieni tieqa, imsejħa GIF2, se tkopri l-investimenti tal-fażijiet ta’ espansjoni u se tinvesti f’fondi ta’ kapital ta’ riskju speċjalizzat, li minn naħa tagħhom se jipprovdu kważi-interess azzjonarju jew interess azzjonarju lil SMEs innovattivi b’potenzjal għoli għat-tkabbir fil-fażi ta’ espansjoni tagħhom. Investiments GIF2 se jevitaw kapital ta’ akkwist jew kapital ta’ bdil.

Il-GIF tista’ tinvesti f’intermedjarji billi taħdem, fejn ikun xieraq, ma' skemi nazzjonali li għandhom l-għan li jiżviluppaw kumpaniji li jinvestu f’negozji żgħar.

*Artikolu 18*
**Il-Faċilità SMEG**

1. Il-Faċilità SMEG se titħaddem mill-EIF f’isem il-Kummissjoni.

Din se twettaq il-ħidmiet li ġejjin:

(a) tipprovdi kontro-garanziji jew, fejn ikun xieraq, ko-garanziji għal skemi ta’ garanziji mħaddma fil-pajjiżi eliġibbli;

(b) tipprovdi garanziji diretti għal kull intermedjarju finanzjarju xieraq ieħor.

2. Il-Faċilità SMEG se tikkonsisti f’erba’ twieqi:

L-ewwel tieqa, (a) finanzjament tad-dejn permezz ta’ self jew kiri, se jnaqqas id-diffikultajiet partikolari li l-SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba r-riskju għola pperċepit li hu assoċjat ma’ investiment f’attivitajiet marbuta ma' l-għarfien bħalma huma l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija u minħabba n-nuqqas ta' biżżejjed garanziji fuq is-self.

It-tieni tieqa, (b) finanzjament ta’ mikro-kreditu, se jħeġġu l-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex ikollhom rwol ikbar fl-għoti ta' self ta' ammont iżgħar li normalment ikun jinvolvi spejjeż proporzjonalment ogħla għal dawk li jissellfu u m'għandhomx biżżejjed garanziji fuq is-self. Barra minn garanziji u kontro-garanziji, l-intermedjarji finanzjarji jistgħu jirċievu għotjiet sabiex itaffu ftit mill-ispejjeż amministrattivi għolja li jmorru mal-finanzjament ta’ mikro-kreditu.

It-tielet tieqa, (c) garanziji għal investimenti f’fondi ta’ interess azzjonarju jew kważi-interess azzjonarju lill-SMEs, se jinkludu investimenti minn fondi lokali jew reġjonali li jipprovdu kapital tal-bidu u/jew kapital fil-fażi ta’ tnedija, kif ukoll fondi tan-nofs sabiex jitnaqqsu d-diffikultajiet partikolari li SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba l-istruttura finanzjara dgħajfa tagħhom, u dawk b’riżultat ta’ trasferimenti tan-negozji.

Ir-raba' tieqa, (d) is-sigurta' (*securitisation*) tal-portfolli ta' finanzjament tad-dejn ta' l-SMEs se timmobilizza l-finanzjament tad-dejn addizzjonali taħt arranġamenti xierqa ta' qsim tar-riskju ma' l-istituzzjonijiet fil-mira. L-appoġġ għal dawn it-tranżazzjonijiet se jiddependi mill-impenn ta' istituzzjonijiet minn fejn joriġina l-finanzjament (*originating institutions*) li jagħtu parti sinifikanti tal-likwidità li jibqa' mill-kapital immobilizzat għal self ġdid lil SMEs f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

*Artikolu 19*

**Is-CBS**

1. Is-CBS se jitħaddem ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inklużi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD), il-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB), l-EIF u l-Bank ta' l-Iżvilupp tal-Kunsill ta' l-Ewropa (CEB).

Din se twettaq il-ħidmiet li ġejjin:

(a) it-titjib tat-tagħrif espert dwar l-investiment u t-teknoloġija ta' fondi li jinvestu f'SMEs innovattivi jew SMEs b'potenzjal għat-tkabbir;

(b) l-istimolazzjoni tal-provvista ta' kreditu lill-SMEs permezz tat-titijib tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-kreditu għas-self lill-SMEs.

2. Is-CBS se tikkonsisti fl-Azzjoni ta' Kapital tal-Bidu u l-Azzjoni ta' Sħubija.

L-Azzjoni ta' Kapital tal-Bidu se tipprovdi għotjiet sabiex tistimola l-provvista tal-kapital ta' riskju għall-SMEs innovattivi u SMEs oħra b'potenzjal għat-tkabbir, inklużi dawk fl-ekonomija tradizzjonali, permezz ta' appoġġ lil fondi tal-bidu jew tat-tnedija jew organizzazzjonijiet simili. Se jkunu pprovduti għotjiet għall-kiri fit-tul ta' staff addizzjonali b'tagħrif espert speċifiku dwar investiment jew teknoloġija.

L-Azzjoni ta' Sħubija se tipprovdi għotjiet lil intermedjarji finanzjarji sabiex ikopru l-ispiża ta' l-assistenza teknika sabiex itejbu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-kreditu għall-finanzjament tad-dejn ta' l-SMEs, bil-għan li tkun stimolata l-provvista ta' finanzi lill-SMEs f'pajjiżi b'intermedjazzjoni bankarja baxxa.

Għall-iskop tal-Azzjoni ta' Sħubija "intermedjazzjoni baxxa" se tkun marbuta ma' operazzjonijiet bankarji f'pajjiżi fejn il-kreditu domestiku bħala perċentwal tal-Prodott Gross Domestiku tal-pajjiż huwa sinjifikament inqas mill-medja Komunitarja skond it-tagħrif rilevanti stabbilit mill-Bank Ċentrali Ewropew jew il-Fond Monetarju Internazzjonali.

L-Azzjoni ta' Sħubija takkumpanja l-linji ta' kreditu jew il-qsim tar-riskju pprovdut mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali lil banek jew istituzzjonijiet finanzjarji sħab mill-pajjiżi eliġibbli. Parti sinjifikanti mill-azzjoni se tkun marbuta mat-titjib tal-ħila tal-banek li jivvalutaw il-vijabilità kummerċjali ta' proġetti b'komponent sinifikanti ta' eko-innovazzjoni.

*Artikolu 20*

**Servizzi b'appoġġ għan-negozji u għall-innovazzjoni**

1. Servizzi b'appoġġ għan-negozji u għall-innovazzjoni, b'mod partikolari lill-SMEs, se jkunu mħeġġa.

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1, l-appoġġ finanzjarju se jingħata lil sħab tan-netwerk sabiex jipprovdu, partikolarment:

   (a) Servizzi ta' Tagħrif, *Feedback* u Kooperazzjoni bejn in-Negozji;

   (b) Servizzi ta' Trasferiment ta' Innovazzjoni, Teknoloġija u Għarfien;

   (c) Serviżżi li jħeġġu l-parteċipazzjoni ta' SMEs fil-Programm Qafas Komunitarju għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RTD).

   Id-dettalji dwar dawn is-servizzi huma mniżżla fil-Anness III.

3. Il-Kummissjoni se tagħżel sħab tan-netwerk permezz ta' sejħiet għall-proposti marbuta mas-servizzi differenti msemmija fil-paragrafi 2(a), (b) u (c). Wara dawn is-sejħiet għall-proposti l-Kummissjoni tista' twaqqaf ftehim qafas ta' sħubija ma' sħab magħżula tan-netwerk filwaqt li tispeċifika t-tip ta' attivitajiet li se jkunu offruti, l-proċedura għal għoti ta' għotjiet lilhom u d-drittijiet ġenerali u l-obbligazzjonijiet ta' kull parti. Is-sħubija qafas tista' tkopri l-perjodu kollu tal-programm.

4. Barra mis-servizzi msemmija fil-paragrafi 2(a), (b) u (c), il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-programm qafas wara sejħiet għall-proposti limitati għas-sħab tan-netwerk.

5. Il-Kummissjoni se tappoġġa s-sħab fin-netwerk billi tagħmel disponibbli l-appoġġ ta' koordinament u operattiv xieraq. Organizzazzjonijiet imwaqqfa f'pajjiżi li mhumiex jipparteċipaw fil-programm jista' jkollhom il-possibilità li jgawdu minn dan il-koordinament u l-appoġġ operattiv.

6. Il-Kummissjoni se tiżgura li s-sħab fin-netwerk jikkooperaw ma' xulxin u li, fil-każ li xi sieħeb fin-netwerk ma' jistax jindirizza mistoqsija li saritlu, dak is-sieħeb għandu jirreferi l-mistoqsija lil sieħeb kompetenti.

*Artikolu 21*

**Skema ta' appoġġ għall-innovazzjoni tan-negozju**

1. L-iskema ta' appoġġ għall-innovazzjoni tan-negozju se trawwem il-kooperazzjoni trans-nazzjonali bejn il-programmi li jappoġġjaw l-innovazzjoni tan-negozju.

2. Grupp ta' programmi li jikkooperaw jista' jkun eliġibbli għall-għajnuna Komunitarja meta dawn:

   (a) huma mmexxija individwalment minn awtoritajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali jew sub-nazzjonali; u

(b) flimkien jinvolvu għallinqas tliet pajjiżi parteċipanti; u

(c) huma kkoordinati jew imħaddma b'mod konġunt.

3. Wara sejħiet Komunitarji għall-proposti, gruppi eliġibbli ta' programmi li jikkooperaw jistgħu jintgħażlu sabiex jingħataw l-għajnuna.

4. L-għajnuna tista' tingħata lil gruppi magħżula ta' programmi li jikkooperaw bil-għan li jiżdied il-valur lil grupp sħiħ jew lil azzjoni jew azzjonijiet speċifiċi taħt grupp, li tinħoloq sinerġija bejn programmi li jikkooperaw, jew sabiex tkun żgurata l-massa kritika.

5. L-għajnuna tista' tkun fil-forma ta' l-għotja ta' finanzi Komunitarji addizzjonali lil gruppi ta' programmi li jikkooperaw magħżula permezz ta' kontributi:

(a) lil fond komuni għall-appoġġ ta' azzjonijiet taħt grupp ta' programmi li jikkooperaw; jew

(b) lill-finanzjament ta' azzjonijiet konġunti speċifiċi taħt grupp ta' programmi li jikkooperaw.

6. L-azzjonijiet megħjuna minn fond komuni bħal dan, jew azzjonijiet komuni speċifiċi li gawdew mill-finanzi Komunitarji, se jkunu miftuħa għal dawk kollha li kienu jkun eliġibbli li jipparteċipaw fl-azzjoni korrispondenti taħt kull programm li jikkoopera fil-grupp.

*Artikolu 22*

**Analiżi, żvilupp u koordinament tal-politika ma' pajjiżi parteċipanti**

Dawn li ġejjin jistgħu isiru b'appoġġ għall-analiżi, l-iżvilupp u l-koordinament tal-politka ma' pajjiżi parteċipanti:

(a) studji, ġbir ta' tagħrif, stħarriġ tax-xejriet u pubblikazzjonijiet, ibbażati fejn ikun possibbli fuq statistiċi uffiċjali;

(b) laqgħat ta' esperti, inklużi dawk minn istituzzjonijiet pubbliċi u partijiet interessati, konferenzi u attivitajiet oħra;

(c) tkabbir ta' l-għarfien, *networking* u attivitajiet rilevanti oħra;

(d) stabbiliment ta' punti ta' referenza tar-rendimenti nazzjonali u reġjonali, u ħidma fuq prassi tajba inkluż it-tixrid u l-implimentazzjoni tagħha.

*Artikolu 23*

**Ġemellaġġ bejn l-awtoritajiet fuq livelli nazzjonali u reġjonali.**

1. Sabiex tista' sseħħ il-kooperazzjoni amministrattiva fil-mira, azzjonijiet ta' ġemellaġġ jistgħu jitwaqqfu fuq il-bażi ta' sejħiet għall-proposti lill-punti ta' kuntatt nazzjonali. Dawn jistgħu sussegwentement jidentifikaw espert ewlieni jew tim ta' esperti bi ftehim ma' l-awtoritajiet rilevanti nazzjonali jew reġjonali.

2. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-pjan ta’ ħidma stabbilit mill-espert ewlieni jew it-timijiet ta’ esperti u jistgħu jagħtu għotja lill-amministrazzjonijiet pubbliċi.

3. L-azzjonijiet ta’ ġemellaġġ jistgħu jkunu akkumpanjati mis-servizzi ċentrali ta’ appoġġ mill-Kummissjoni.

*Artikolu 24*
**Miżuri ta’ appoġġ għall-programm**

Il-Kummissjoni tista’ twettaq dan li ġej:

(a) analiżi u sorveljanza tal-kompetittività u kwistjonijiet settorjali, inkluż għar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività ta’ l-industrija Ewropea;

(b) tħejjija ta’ evalwazzjonijiet ta' l-impatt ta' miżuri Komunitarji b'rilevanza partikolari għall-kompetittività ta' l-impriżi.

(c) evalwazzjoni ta’ aspetti speċifiċi jew miżuri ta’ implimentazzjoni speċifiċi marbuta ma’ dan il-programm;

(d) it-tixrid ta' tagħrif xieraq marbut ma' dan il-programm.

### TAQSIMA 3 PROGRAMM TA’ ĦIDMA

*Artikolu 25*
**Programm ta’ Ħidma**

Il-programm ta’ ħidma se juri fid-dettal l-għanijiet u l-prijoritajiet, l-iskedi tal-ħidma kif ukoll ir-regoli għall-parteċipazzjoni u l-kriterji għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 16 sa 23.

# Kapitolu II
# Il-Programm ta’ Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT

### TAQSIMA 1 L-GĦANIJIET U L-OQSMA TA’ L-AZZJONI

*Artikolu 26*
**Twaqqif u għanijiet**

1. Programm ta’ appoġġ għall-politika dwar it-teknoloġiji ta’ l-informatika u l-komunikazzjoni, minn hawn ‘il quddiem ‘il-Programm ta’ Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT’, huwa b'dan stabbilit.

2. Il-Programm ta’ Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT se jipprovdi għal dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iżvilupp ta’ l-ispazju waħdieni Ewropew ta’ l-informazzjoni u t-tisħiħ tas-suq intern għall-prodotti u servizzi informatiċi;

(b) l-istimolu ta’ l-innovazzjoni permezz ta’ adozzjoni usa' ta' l-ICTs u investiment fihom;

(c) l-iżvilupp ta’ soċjetà ta’ l-informazzjoni inklussiva u ta’ servizzi iktar effiċjenti u effettivi fl-oqsma ta’ interess pubbliku, u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja.

3. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 se jitwettqu b’ enfasi partikolari fuq il-promozzjoni u t-tkabbir ta’ l-għarfien ta’ l-opportunitajiet u l-benefiċċji li l-ICTs jagħtu liċ-ċittadini u n-negozji.

*Artikolu 27*

**L-ispazju uniku Ewropew għall-informazzjoni**

L-azzjonijiet marbuta ma’ l-ispazju uniku Ewropew għall-informazzjoni se jkollhom l-għan li:

(a) jiżguraw aċċess kontinwu għal-servizzi msejsa fuq l-ICT u li jistabbilixxu kundizzjonijiet ta’ qafas xierqa għall-adozzjoni mgħaġġla u xierqa ta’ komunikazzjonijiet u servizzi diġitali konverġenti, inklużi l-aspetti ta’ interoperabilità, sigurtà u fiduċja.

(b) jtejbu l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp tal-kontenut diġitali b’enfasi speċjali fuq il-multi-lingwiżmu u d-diversità kulturali;

(c) jissorveljaw il-Soċjetà ta’ l-Informazzjoni Ewropea, permezz ta’ ġbir ta’ tagħrif u analiżi ta’ l-iżvilupp, id-disponibbiltà u l-użu ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni diġitali inkluż it-tkabbir ta’ l-internet, l-aċċess għall-*broadband* kif ukoll l-iżvilupp tal-kontenut u tas-servizzi.

*Artikolu 28*

**L-innovazzjoni permezz ta’ l-adozzjoni usa’ ta’ l-ICTs u l-investiment fihom**

L-azzjonijiet marbuta ma’ l-innovazzjoni permezz ta’ l-adozzjoni usa' ta’ l-ICTs u l-investiment fihom se jkollhom l-għan li:

(a) il-promozzjoni ta’ l-innovazzjoni fi proċessi, servizzi u prodotti li jseħħu permezz ta’ l-ICTs, partikolarment f’SMEs u servizzi pubbliċi, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet meħtieġa;

(b) l-faċilitazzjoni ta’ l-interazzjoni bejn il-privat u l-gvern kif ukoll sħubiji għall-aċċellerazzjoni ta’ l-innovazzjoni u l-investimenti fl-ICTs;

(c) il-promozzjoni u t-tkabbir ta’ l-għarfien dwar l-opportunitajiet u l-benefiċċji li l-ICTs jagħtu liċ-ċittadini u n-negozji u l-istimolar tad-dibattitu fuq il-livell Ewropew dwar tendenzi emerġenti ta' l-ICT.

*Artikolu 29*

**Soċjetà ta' l-Informazzjoni inklussiva, servizzi iktar effiċjenti u effettivi fl-oqsma ta' l-interess pubbliku u kwalità ta' ħajja aħjar**

L-azzjonijiet marbuta ma' l-iżvilupp ta' soċjetà ta' l-informazzjoni inklussiva u ta' servizzi iktar effiċjenti u effettivi fl-oqsma ta' interess pubbliku, u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja se jkollhom l-għan li:

(a) jwessgħu l-aċċessibilità għall-ICTs u l-għarfien bażiku dwar l-użu tal-kompjuter;

(b) isaħħu l-fiduċja u l-kunfidenza kif ukoll l-appoġġ ta' l-użu ta' l-ICT, filwaqt li jindirizzaw b'mod partikolari kwistjonijiet ta' privatezza;

(c) jtejbu l-kwalità, l-effiċjenza u d-disponibbilità ta' servizzi elettroniċi f'oqsma ta' interess pubbliku u għall-parteċipazzjoni bl-ICT, inklużi servizzi interoperabbli pan-Ewropej kif ukoll l-iżvilupp ta' materji primi ta' interess komuni u l-qsim ta' prassi tajba.

## TAQSIMA 2

## IMPLIMENTAZZJONI

## Sub-taqsima 1

## L-implimentazzjoni ta' proġetti, l-aħjar prassi u netwerks tematiċi

*Artikolu 30*

**Ġenerali**

Il-Programm ta' Appoġġ għal politika dwar l-ICT jista' jkun implimentat bi proġetti, azzjonijiet ta' l-aħjar prassi, u netwerks tematiċi, inklużi azzjonijiet għall-ittestjar fuq skala wiesgħa u d-dimostrazzjoni ta' servizzi pubbliċi innovattivi b'dimensjoni pan-Ewropea.

Proġetti, azzjonijiet ta' l-aħjar prassi u netwerks tematiċi se jkollhom l-għan li jistimolaw l-implimentazzjoni u l-aħjar użu ta' soluzzjonijiet innovattivi msejsa fuq l-ICT, partikolarment għal servizzi f'oqsma ta' interess pubbliku. L-appoġġ Komunitarju se jiffaċilita l-koordinament u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għall-iżvilupp tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni madwar l-Istati Membri.

*Artikolu 31*

**Proġetti, l-aħjar prassi u netwerks tematiċi**

1. Dawn li ġejjin se jkunu appoġġati:

   (a) proġetti inklużi l-implimentazzjoni, u proġetti piloti u ta' replikazzjoni tas-suq;

(b) azzjonijiet ta' l-aħjar prassi sabiex iferrxu l-għarfien u jaqsmu l-esperjenza madwar il-Komunità.

(c) netwerks tematiċi li jgħaqqdu flimkien varjetà ta' partijiet interessati f'għan stipulat, sabiex ikunu ffaċilitati l-attivitajiet ta' koordinament u t-trasferiment ta' l-għarfien.

2. Il-proġetti se jkollhom l-għan li jippromwovu l-innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda li huma lesti għall-adozzjoni fis-suq.

Il-Komunità tista' tagħmel għotja lill-baġit tal-proġetti msemmija fil-paragrafu 1(a) li tikkorrispondi għal massimu ta' 50% ta' l-ispiża totali tagħhom. Korpi tas-settur pubbliku jistgħu jitħallsu lura fuq il-bażi ta' 100% ta' l-ispejjeż addizzjonali.

3. L-azzjonijiet ta' l-aħjar prassi se jsiru f'raggruppamenti li jindirizzaw temi speċifiċi u se jintrabtu flimkien permezz ta' netwerks tematiċi.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-miżuri msemmija mniżżla fil-paragrafu 1(b) se tkopri biss spejjeż diretti meqjusa meħtieġa jew xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi ta' l-azzjoni.

4. In-netwerks tematiċi jistgħu jkunu marbuta ma' azzjonijiet ta' l-aħhar prassi.

Appoġġ għal attivitajiet tematiċi se jingħataw għall-ispejjeż eliġibbli addizzjonali ta' koordinament u implimentazzjoni tan-netwerk. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità tista' tkopri l-ispejjeż addizzjonali ta' dawn il-miżuri.

## Sub-taqsima 2

## Dispożizzjonijiet oħrajn

*Artikolu 32*
**Applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għall-appoġġ Kominitarju għandhom jipprovdu, fejn xieraq, pjan finanzjarju li jelenka l-komponenti kollha tal-finanzjament tal-proġetti, inkluż l-appoġġ finanzjarju mitlub minn għand il-Komunità, u kull talba oħra għall-appoġġ minn għejun oħra.

*Artikolu 33*
**Analiżi, żvilupp u koordinament tal-politika ma' pajjiżi parteċipanti;**

Dawn li ġejjin jistgħu isiru b'appoġġ lill-analiżi, l-iżvilupp u l-koordinament tal-politka ma' pajjiżi parteċipanti:

(a) studji, ġbir ta' tagħrif, stħarriġ tax-xejriet u pubblikazzjonijiet, ibbażati fejn ikun possibbli fuq statistiċi uffiċjali;

(b) laqgħat ta' esperti minn istituzzjonijiet pubbliċi u partijiet interessati, konferenzi u attivitajiet oħra;

(c) tkabbir ta' l-għarfien, *networking*, u attivitajiet rilevanti oħra bejn esperti minn istituzzjonijiet pubbliċi u partijiet interessati;

(d) stabbiliment ta' punti ta' referenza tar-rendimenti nazzjonali u reġjonali, u ħidma fuq prassi tajba inkluż it-tixrid u l-implimentazzjoni tagħha.

*Artikolu 34*

**Promozzjoni, kommunikazzjoni u qsim u tixrid tat-tagħrif**

1. Dawn li ġejjin jistgħu jsiru b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programm jew lit-tħejjija ta' attivitajiet ġejjiena:

   (a) attivitajiet ta' promozzjoni, tixrid, tagħrif u komunikazzjoni;

   (b) skambji ta' tagħrif, għarfien u esperjenza, konferenzi, seminars, laqgħat ta' ħidma jew laqgħat oħra u t-tmexxija ta' attivitajiet raggruppati.

2. Miżuri bil-għan tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, proċessi jew servizzi, attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni tal-bejgħ mhux se jkunu eliġibbli għall-appoġġ.

*Artikolu 35*

**Proġetti ta' interess komuni: xiri bbażat fuq speċifikazzjonijiet tekniċi elaborati ma' l-Istati Membri**

Fejn ikun meħtieġ, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Programm ta' Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT, u fejn ikun hemm interess komuni ċar ta' l-Istati Membri dwar l-adozzjoni fuq livell Ewropew ta' prodotti, servizzi jew ta' komponenti ewlenin jew materji primi għall-provvista ta' servizzi, il-Kummissjoni tista' twaqqaf proġetti ta' interess komuni magħmula minn ħidmiet tekniċi u organizzazzjonali meħtieġa.

Il-Kummissjoni, b'koordinament ma' l-Istati Membri, se tiftiehem dwar speċifikazzjonijiet tekniċi u skedi ta' implimentazzjoni komuni għal proġetti bħal dawn. Fuq il-bażi ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-iskedi ta' implimentazzjoni komuni miftiehma, il-Kummissjoni se toħroġ sejħiet għall-offerti għall-implimentazzjoni tal-proġetti kkonċernati. Ix-xiri se jsir biss mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-regoli applikabbli għax-xiri mill-Komunità.

## TAQSIMA 3

## PROGRAMM TA' ĦIDMA

*Artikolu 36*
**Programm ta' Ħidma**

Il-programm ta' ħidma se juri fid-dettall l-għanijiet u l-prijoritajiet, il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom, l-iskedi ta' ħidma, kif ukoll jiddetermina l-kriterji għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-miżuri ta' implimentazzjoni skond l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 26.

# Kapitolu III
# Il-Programm Enerġija Intelliġenti - Ewropa

## TAQSIMA 1

## L-GĦANIJIET U L-OQSMA TA' L-AZZJONI

*Artikolu 37*
**Twaqqif u għanijiet**

1. Programm ta' appoġġ lill-effiċjenza ta' l-enerġija, lill-għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija u lid-diversifikazzjoni ta' l-enerġija, minn hawn 'il quddiem 'il-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa', huwa b'dan imwaqqaf.

2. Il-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa se jipprovdi għal azzjoni, partikolarment:

   (a) li tħeġġeġ l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu razzjoniali tar-riżorsi ta' l-enerġija;

   (b) li tippromwovi għejun ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija u li tappoġġa d-diversifikazzjoni ta' l-enerġija;

   (c) li tippromwovi l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu ta' għejun ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija fit-trasport.

*Artikolu 38*
**Għanijiet Operattivi**

F'termini operattivi, il-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa se jkollu l-għan li:

(a) jipprovdi l-elementi meħtieġa għat-titjib tas-sostenibbiltà, l-iżvilupp tal-potenzjal ta' bliet u reġjuni, kif ukoll għat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi meħtieġa sabiex jintlaħqu

l-għanijiet strateġiċi relatati; l-iżvilupp tal-mezzi u l-istrumenti għall-ħidma konsegwenti, s-sorveljanza u l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri adottati mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fl-oqsma indirizzati minn dak il-programm;

(b) it-tkabbir ta' l-investiment madwar l-Istati Membri fit-teknoloġiji ġodda u bl-aħjar rendiment fl-oqsma ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, l-għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija u d-diversifikazzjoni ta' l-enerġija, inkluż it-trasport, billi titneħħa d-differenza bejn id-dimostrazzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji innovattivi u l-adozzjoni effettiva tagħhom fis-suq fi skala wiesgħa sabiex jiżdied l-investiment mis-settur privat u pubbliku, ikun hemm promozzjoni ta' teknoloġiji strateġiċi ewlenin, jitnaqqsu l-ispejjeż, tiżdied l-esperjenza tas-suq u jsir kontribut lejn it-tnaqqis tar-riskji finanzjarji u riskji u xkiel ipperċepiti oħra li jfixklu dan it-tip ta' investiment;

(c) it-tneħħija ta' xkiel mhux teknoloġiku għall-modalitajiet effiċjenti u intelliġenti ta' produzzjoni u l-konsum tal-enerġija permezz tal-promozzjoni tat-tkabbir tal-kapaċità istituzzjonali inklużi l-livelli lokali u reġjonali, billi jitkabbar l-għarfien, notevolment permezz tas-sistema ta' l-edukazzjoni, billi jitħeġġu l-iskambji ta' l-esperjenza u l-għarfien bejn l-atturi ewlenin involuti, in-negozji u ċ-ċittadini b'mod ġenerali u billi jkun stimolat it-tixrid ta' l-aħjar prassi u l-aħjar teknoloġiji disponibbli, notevolment permezz tal-promozzjoni fuq livell Komunitarju.

*Artikolu 39*

**L-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu razzjonali tar-riżorsi (SAVE)**

Azzjonijiet li jħeġġu l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu razzjoniali tar-riżorsi ta' l-enerġija jistgħu jinkludu:

(a) it-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu razzjonali ta' l-enerġija, partikolarment fis-setturi tal-bini u l-industrija, bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet koperti bl-Artikolu 41;

(b) l-appoġġ tat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi u l-applikazzjoni tagħhom.

*Artikolu 40*

**Riżorsi ġodda u li jiġġeddu (ALTENER)**

Azzjonijiet li jippromwovu riżorsi ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija jistgħu jinkludu:

(a) l-promozzjoni ta' għejun ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija għall-produzzjoni ċentralizzata u deċentralizzata ta' l-elettriku u s-sħana u l-appoġġ tad-diversifikazzjoni ta' l-għejun ta' l-enerġija, bl-eċċezzjoni ta' l-azzjonijiet koperti bl-Artikolu 41;

(b) l-integrazzjoni ta' għejun ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija fl-ambjent lokali u fis-sistemi ta' l-enerġija;

(c) l-appoġġ tat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi u l-applikazzjoni tagħhom.

*Artikolu 41*
**L-enerġija fit-trasport (STEER)**

Azzjonijiet li jippromwovu l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu ta' għejun ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija fit-trasport jistgħu jinkludu:

(a) inizjattivi ta' appoġġ marbuta ma' l-aspetti kollha ta' l-enerġija tat-trasport, u d-diversifikazzjoni tal-fjuwil;

(b) il-promozzjoni ta' fjuwils li jiġġeddu u l-effiċjenza ta' l-enerġija fit-trasport;

(c) l-appoġġ tat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi u l-applikazzjoni tagħhom.

*Artikolu 42*
**Inizjattivi Orizzontali**

Azzjonijiet li jgħaqqdu numru ta' oqsma speċifiċi msemmiha fl-Artikoli 39, 40 u 41 jew marbuta ma' ċerti prijoritajiet Komunitarji jistgħu jinkludu:

(a) l-integrazzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u għejun li jiġġeddu ta' l-enerġija fid-diversi setturi ta' l-ekonomija;

(b) l-għaqda ta' strumenti, għodda u atturi varji fi ħdan l-istess azzjoni jew proġett.

## TAQSIMA 2

## IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 43*
**Proġetti ta' promozzjoni u ta' tixrid**

Dawn li ġejjin se jkunu appoġġati:

(a) studji strateġiċi fuq il-bażi tal-qsim ta' l-analiżi u s-sorveljanza regolari ta' l-iżviluppi tas-suq u t-tendenzi ta' l-enerġija għat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi ġejjiena jew ir-reviżjoni ta' l-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż fir-rigward tal-ħidma tas-suq intern ta' l-enerġija, għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għat-terminu mezzan u fit-tul fil-qasam ta' l-enerġija għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll għat-tħejjija ta' impenji volontarji fit-tul ma' l-industrija u partijiet interessati oħra u għall-iżvilupp ta' sistemi ta' standards, ittikkettar u ċertifikazzjoni;

(b) il-ħolqien, it-tkabbir jew ir-rijorganizzazzjoni ta' strutturi u strumenti għall-iżvilupp ta' l-enerġija sostenibbli, inkluża t-tmexxija lokali u reġjonali ta' l-enerġija, u l-iżvilupp ta' prodotti finanzjarji u strumenti tas-suq xierqa;

(c) il-promozzjoni ta' sistemi ta' l-enerġija u tagħmir sostenibbli bil-għan li jkun iffaċilitat iktar id-dħul tagħhom fis-suq u jkun stimolat l-investiment sabiex jiffaċilita t-tranżizzjoni mid-dimostrazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji iktar effiċjenti, kampanji ta' għarfien u l-ħolqien ta' ħiliet istituzzjonali, mmirati b'mod

partikolari lejn l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' żvilupp nadif u l-implimentazzjoni konġunta taħt il-Protokoll ta' Kyoto;

(d) l-iżvilupp ta' tagħrif, strutturi ta' edukazzjoni u taħriġ, l-użu ta' riżultati, l-promozzjoni u t-tixrid ta' għarfien u l-aħjar prassi bl-involviment tal-konsumaturi kollha, it-tixrid ta' riżultati ta' l-azzjonijiet u l-proġetti u l-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri permezz ta' netwerks operattivi;

(e) is-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni u l-impatt ta' miżuri Komunitarji leġiżlattivi u ta' appoġġ.

*Artikolu 44*

**Proġetti ta' replikazzjoni tas-suq**

Finanzjament Komunitarju se jkun għal azzjonijiet u proġetti marbuta ma' l-ewwel replikazzjoni tas-suq ta' teknoloġiji li għadhom kemm taw riżultati sodisfaċenti li huma ta' rilevanza Komunitarja, maħsuba li jippromwovu, bil-ħsieb ta' l-użu wiesa' tagħhom fl-Istati Membri, jew taħt kundizzjonijiet ekonomiċi jew ġeografiċi differenti jew b'modifiki tekniċi, metodi, proċessi jew prodotti innovattivi li diġà ġew iddimostrati teknikament b'suċċess iżda, minħabba riskji residwi, għadhom ma' daħlux fis-suq, sabiex il-Komunità taqsam ir-riskju involut fl-isfruttament ekonomiku tar-riżultati tar-riċerka, żvilupp teknoloġiku jew attivitajiet ta' dimostrazzjoni.

## TAQSIMA 3

## PROGRAMM TA' ĦIDMA

*Artikolu 45*

**Programm ta' Ħidma**

Il-programm ta' ħidma se jistipula r-regoli għal kull waħda mill-azzjonijiet u miżuri speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 37, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni kif ukoll l-arranġamenti ta' finanzjament u r-regoli għall-parteċipazzjoni. Dan se jiddetermina l-kriterji għall-għażla, li jirrifflettu l-għanijiet tal-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa, u se jistipula l-iskeda indikattiva għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma, partikolarment fir-rigward tal-kontenut tas-sejħiet għall-proposti.

# TITOLU III
# DIŻPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

*Artikolu 46*
**Kumitati**

1. Il-Kummissjoni se tkun megħjuna mill-Kumitati li ġejjin:

   (a) għall-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni, minn kumitat imsejjaħ il-Kumitat ta' Tmexxija EIP (EIPC);

   (b) għall-Programm għall-Appoġġ għall-Politika dwar l-ICT, minn kumitat imsejjaħ il-Kumitat ta' Tmexxija ICT (ICTC);

   (c) għall-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa, minn kumitat imsejjaħ il-Kumitat ta' Tmexxija IEE (IEEC).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 8 tagħha.

   Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE se jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitati msemmija fil-paragrafu 1 se jadottaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom.

*Artikolu 47*
**Revoka**

Id-Deċiżjoni 96/413/KE hija rrevokata.

*Artikolu 48*
**Miżuri tranżitorji**

Il-miżuri ta' implimentazzjoni skond l-għan stipulat fl-Artikolu 27(b) se jitwettqu taħt id-Deċiżjoni ..../ .../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69] sal-31 ta' Diċembru 2008.

Minn hemm 'il quddiem l-azzjonijiet li jinbdew taħt id-Deċiżjoni …./ …/EC fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 2008 se jkunu amministrati f'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, minbarra li l-kumitat imwaqqaf minn dik id-Deċiżjoni se jinbidel minn kumitat stabbilit fl-Artikolu 46(1)(b) ta' din id-Deċiżjoni.

---

69 ĠU L , , p. .

*Artikolu 49*
**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, [...]

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| *[...]* | *[...]* |

## ANNESS I Tqassim indikattiv tal-baġit

L-allokazzjonijiet indikattivi tal-baġit għall-programmi speċifiċi huma dawn li ġejjin:

(a) EUR 2 631 miljun għall-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni, li minnhom, sa 520 miljun se jkunu implimentati għall-promozzjoni ta' l-eko-innovazzjoni;

(b) EUR 801,6 miljun għall-Programm għall-appoġġ tal-politika dwar l-ICT;

(c) EUR 780 miljun għall-'Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa'.

## ANNESS II Arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-istrumenti finanzjarji Komunitarji għall-SMEs stipulati fl-artikolu 16

### 1. Arranġamenti komuni għall-istrumenti finanzjarji Komunitarji kollha għall-SMEs

*A. Baġit*

L-allokazzjoni tal-baġit se tkopri l-ispiża kollha ta' kull strument, inklużi l-obbligazzjonijiet ta' ħlas lejn intermedjarji finanzjarji bħalma hu t-telf minn garanziji, ħlasijiet għat-tmexxija lill-EIF u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jmexxu r-riżorsi ta' l-UE, kif ukoll kull spiża jew nefqa eliġibbli oħra.

It-trasferiment ta' riżorsi bejn l-istrumenti se jinżamm flessibbli sabiex ilaħħqu ma' l-iżviluppi ġodda u l-kundizzjonijiet differenti tas-suq li jirriżultaw matul il-programm.

*B. Kontijiet fiduċjarji*

Kontijiet Fiduċjarji Separati se jitwaqqfu mill-EIF u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti sabiex iżommu l-fondi tal-baġit marbuta ma' kull strument. Dawn il-kontijiet jistgħu jipproduċu l-imgħax. L-imgħax imħallas sal-31 ta' Diċembru 2013 jista' jingħadd mar-riżorsi u jista' jintuża għall-għanijiet ta' l-istrument rispettiv.

Il-ħlas li jsir mid-depożitarju sabiex jonora obbligazzjonijiet ta' ħlas lill-intermedjarji finanzjarji jista' jkun iddebitat mill-kont Fiduċjarju korrispondenti. Ammonti li għandhom jitħallsu lura mid-depożitarju lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, il-ħlasijiet ta' tmexxija tad-depożitarju u spejjeż u nfiq ieħor eliġibbli se jkunu iddebitati mill-kont fiduċjarju skond it-termini stipulati fil-ftehimiet bejn il-Kummissjoni u d-depożitarju. Il-kont Fiduċjarju se jkun ikkreditat bi rċevuti li joriġinaw mill-Kummissjoni, bl-imgħax u, skond l-istrument, bir-rikavati minn investimenti li saru (GIF) jew bi ħlasijiet ta' impenn jew garanzija kif ukoll ammonti riċevibbli oħra (Faċilità SMEG).

Wara l-31 ta' Diċembru 2013, bilanċi fil-kontijiet fiduċjarji, minbarra fondi impenjati u mhux iddebitati u fondi raġonevolment meħtieġa biex ikopri l-ispejjeż u l-infiq, se jingħataw lura lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

*C. Ħlasijiet*

Se tapplika politika xierqa dwar il-ħlasijiet għall-ħidma ta' l-istrumenti. Il-ħlasijiet se jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-prassi tas-suq filwaqt li tqis:

– It-tul ta' żmien globali ta' l-istrument rispettiv u l-ħtiġijiet ta' sorveljanza korrispondenti li jestendu lil hinn mill-perjodu ta' impenn tal-baġit;

– il-pajjiżi eliġibbli;

– kemm l-istrument ikun innovattiv jew kumpless;

– in-numru assoċjat ta' attivitajiet bħalma huma r-riċerka dwar is-suq, l-identifikazzjoni ta' intermedjarji u n-negozjati magħhom, l-istrutturar tat-tranżazzjoni, l-għeluq, is-sorveljanza u r-rappurtaġġ.

*D. Viżibbiltà*

Kull intermedjarju se jipprovdi livell xieraq ta' viżibbiltà lill-appoġġ mogħti mill-Komunità.

**2. L-Implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Tkabbir b'rata Għolja u l-Innovazzjoni għall-SMEs (GIF);**

*A. Daħla*

Aspetti fiduċjarji, ta' tmexxija u ta' sorveljanza se jinftiehmu bejn il-Kummissjoni u l-EIF. Il-Kummissjoni se tapplika linji ta' gwida speċifiċi dwar it-tmexxija tat-teżor.

*B. Intermedjarji*

GIF1 u GIF2 se jimmiraw intermedjarji orjentati lejn il-kummerċ li huma mmexxija minn timijiet indipendenti li jgħaqqdu t-taħlita xierqa ta' ħiliet u esperjenza. L-intermedjarji se jintgħażlu b'konformità ma' l-aħjar prassi tan-negozju u s-suq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jkun evitat kull kunflitt ta' interess bil-għan li jaħdmu permezz ta' firxa wiesgħa ta' fondi speċjalizzati jew strutturi simili.

*C. Kriterji għall-eliġibilità*

Il-GIF se jikkumplimenta l-attivitajiet imsejsa fuq il-fondi proprji tal-Grupp tal-Bank Ewropew għall-Investiment inkluż l-EIF permezz ta' l-adozzjoni ta' politika ta' investiment li tinvolvi profil ta' riskju ogħla, kemm fir-riward ta' fondi intermedjarji u l-politika ta' investiment tagħhom.

*GIF 1*

GIF 1 se jinvesti f'fondi intermedjarji ta' kapital ta' riskju li jinvestu f'SMEs li għandhom sa 10 snin, u normalment jibda mir-rondi pre-A (bidu) u A (fażi bikrija) u jipprovdi investiment ta' segwitu fejn ikun xieraq. L-investiment massimu aggregat f'fond intermedjarju ta' kapital ta' riskju se jkun 25% tal-kapital kollu miżmum mill-fond rilevanti, jew sa 50% għal fondi ġodda li jidher li se jkollhom rwol katalitiku partikolarment b'saħħtu fl-iżvilupp tas-swieq tal-kapital ta' riskju għal teknoloġija speċifika jew f'reġjun speċifiku kif ukoll il-mezzi ta' investiment ta' investituri informali. L-investiment massimu aggregat f'fond intermedjarju ta' kapital ta' riskju se jkun 50% f'dawk il-każi fejn il-konċentrazzjoni ta' l-investiment tal-fond hu fuq SMEs li huma attivi fl-eko-innovazzjoni. Għallinqas 50% tal-kapital investit f'kull fond se jkun ipprovdut minn investituri li joperaw f'ċirkostanzi li jikkorrispondu għal kundizzjonijiet normali tas-suq (skond il-"prinċipju ta' l-investitur f'ekonomija tas-suq), irrispettivament min-natura legali u t-tqassim ta' l-ishma bejn l-investituri li qed jipprovdu din il-parti tal-kapital. L-ebda impenn f'fond waħdieni mhu se jaqbeż l-EUR 30 miljun. Il-GIF1 jista' jinvesti b'mod konġunt ma' riżorsi proprji ta' l-EIF jew riżorsi taħt il-mandat ta' l-EIB jew riżorsi oħra mmexxija mill-EIF.

*GIF 2*

Il-GIF 2 se jinvesti f'fondi intermedjarji ta' kapital ta' riskju li jinvestu f'SMEs, normalment fir-rondi B u C (espansjoni). L-investiment massimu aggregat ta' fond intermedjarju ta' kapital ta' riskju normalment ikun 15% tal-kapital totali miżmum mill-fond rilevanti, jew sa 25% għal:

– fondi ġodda li jidher li se jkollhom rwol katalitiku partikolarment b'saħħtu fl-iżvilupp ta' swieq ta' kapital ta' riskju għal teknoloġija speċifika jew f'reġjun speċifiku;

– fondi li l-konċentrazzjoni ewlenija ta' investiment tagħhom hija fuq SMEs attivi fl-eko-innovazzjoni;

– fondi mwaqqfa minn timijiet ġodda ta' tmexxija.

Fil-każ ta' investiment konġunt mar-riżorsi proprji ta' l-EIF jew riżorsi taħt il-mandat EIB jew riżorsi oħra mmexxija mill-EIF, il-kontribut massimu tal-GIF2 se jkun 15%. Għallinqas 50% tal-kapital investit f'kull fond se jkun ipprovdut minn investituri li joperaw f'ċirkostanzi li jikkorrispondu għal kundizzjonijiet normali tas-suq (skond il-"prinċipju ta' l-investitur f'ekonomija tas-suq"), irrispettivament min-natura legali u t-tqassim ta' l-ishma bejn l-investituri li qed jipprovdu din il-parti tal-kapital. L-ebda impenn f'fond waħdieni mhu se jaqbeż l-EUR 30 miljun.

*D. Investment pari passu*

L-investiment li sar taħt il-GIF f'fond intermedjarju se jitqies *pari passu* ma' l-investituri privati.

*E. Ħajja tal-faċilità*

Il-GIF se tkun faċilità fit-tul li normalment tieħu pożizzjonijiet ta' 5 sa 12 snin f'fondi intermedjarji. F'kull każ, il-ħajja ta' l-investiment taħt il-GIF ma' jistax jaqbeż 19-il sena mill-firma tal-ftehim ta' delegazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIF. Strateġiji xierqa ta' ħruġ se jeħtieġu li jiġu ddefiniti fil-ftehimiet bejn l-EIF u l-intermedjarji.

*F. Realizzazzjoni ta' l-investimenti*

Billi ħafna mill-investimenti li se jsiru taħt il-GIF se jkunu f'entitajiet mhux ikkwotati u mhux likwidi, it-twettiq ta' dawn l-investimenti se jkun imsejjes fuq id-distribuzzjoni tar-rikavati li jingħataw lill-intermedjarju mill-bejgħ ta' l-investimenti tagħhom f'SMEs.

*G. Investiment mill-ġdid tar-rikavati minn investimenti mwettqa*

Ir-rikavati, inklużi d-dividendi u rimborsi li jingħataw lill-EIF sal-31 ta' Diċembru 2013, se jingħaddu mar-riżorsi tal-Faċilità u jintużaw għall-għanijiet tal-Faċilità.

**3. L-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Garanzija ta' l-SMEs (SMEG);**

*A. Daħla*

Aspetti fiduċjarji, ta' tmexxija u ta' sorveljanza se jinftiehmu bejn il-Kummissjoni u l-EIF. Il-Kummissjoni se tapplika linji ta' gwida speċifiċi dwar it-tmexxija tat-teżor.

*B. Intermedjarji*

L-intermedjarji se jintgħażlu minn fost l-iskemi ta' garanziji li diġà qed jaħdmu jew li jistgħu jkunu mwaqqfa fil-pajjiżi eliġibbli, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' garanzija reċiproka, jew

kull istituzzjoni finanzjarja internazzjonali xierqa oħra. Il-proċeduri ta' l-għażla se jkunu trasparenti u mhux diskriminatorji, u għandhom jevitaw il-kunflitti ta' interess.

L-intermedjarji se jintgħażlu f'konformità ma' l-aħjar prassi tas-suq fir-rigward ta':

– l-effett fuq il-volum ta' finanzjament (dejn, interess, jew kważi-interess) li jsir disponibbli lil SMEs, u/jew

– l-effet fuq l-aċċess ta' l-SMEs għall-finanzi, u/jew

– l-effett fuq it-teħid tar-riskji fil-finanzjament ta' SMEs mill-intermedjarju kkonċernat.

*C. Eliġibilità*

Dawn il-kriterji finanzjari li jmexxu l-eliġibilità taħt il-Faċilità SMEG se jkunu ddeterminati għal kull intermedjarju fuq il-bażi ta' l-attivitajiet tagħhom, bil-għan li jilħqu kemm jista' jkun SMEs. Dawn ir-regoli se jirriflettu l-kundizzjonijiet u prassi tas-suq fit-territorju rilevanti.

Il-finanzjament għall-akkwist ta' assi tanġibbli jew intanġibbli, inklużi attivitajiet innovattivi, żvilupp teknoloġiku u l-akkwist ta' liċenzji se jkun eliġibbli.

Il-kriterji marbuta mar-raba' tieqa ta' SMEG, (d) *securitisation* tal-portfolli ta' l-SMEs tal-finanzjament tad-dejn, jinkludu tranżazzjonijiet individwali u dawk bejn iktar minn bejjiegħ wieħed kif ukoll tranżazzjonijiet bejn iktar minn pajjiż wieħed. L-eliġibilità se tkun ibbażata fuq l-aħjar prassi tas-suq, partikolarment fir-rigward tal-kwalità ta' kreditu u d-diversifikazzjoni tar-riskju tal-portfoll *securitised*

*D. Termini tal-garanziji*

